

# Servizzi u Benefiċċji

## għall-Persuni b'Diżabilità

**KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

Din il-pubblikazzjoni tista' tinkiseb mill-Kummissjoni f'formati differenti: bil-Malti, bl-Ingliż, verżjoni Faċli-biex-Taqra bil-Malti, fuq awdjo (cassette jew CD) bil-Malti, u fuq vidjow bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija. Il-verżjonijiet bil-Malti, bl-Ingliż u Faċli-biex-Taqra jinsabu wkoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org

This publication is available from the Commission in different formats: in Maltese, English, Easy-To-Read version in Maltese, on audio (cassette or CD) in Maltese and on video in Maltese Sign Language. The versions in Maltese, English and Easy-To-Read can also be found on the Commission's website: www.knpd.org

Pubblikazzjoni: Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, 2009

ISBN: 978-99909-71-40-8

Din il-pubblikazzjoni hi sponsorjata mid-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-finanzjament tagħha hu pprovdut mill-Programm tal-Komunità Ewropea għall-Impjiegi u s-Soliderjata' Soċjali (2007-2013). Dan il-programm ġie stabbilit biex jissapportja finanzjarament l-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tal-imjiegi u l-affarijiet soċjali, kif jinsabu fl-Aġenda Soċjali, u għalhekk jkkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija ta' Lisbona f'dawn l-oqsma.

Il-Progarmm ta' seba' snin hu mmirat għal dawk kollha involuti f'dawn l-oqsma u li jistgħu jgħinu jsawru l-iżvilupp fis-27 pajjiż tal-Unjoni, fil-pajjiżi tal-EFTA-EEA u l-pajjiżi kandidati għal sħubija, ta' liġijiet u policies fl-oqsma tal-impjiegi u dawk soċjali u li jkunu xierqa u effettivi.

IL-viżjoni tal-PROGESS hi li ssaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-UE u li tssapportja l-impenn u l-isforzi tal-Istati Membri biex jinħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar, u li tinbena soċjetà aktar magħquda. Għal dan il-għan, PROGRESS għandu jkun strumentali biex:

- jipprovdi analażi u pariri dwar policy f'dawk l-oqsma li jaqgħu taħt il-PROGESS;
- jimmoniterja u jirrapporta fuq l-implimentazzjoni ta' liġijiet u policies tal-UE f'dawk l-oqsma li jaqgħu taħt il-PROGESS;
- jippromwovi t-trasferiment ta', it-tagħlim dwar, u s-sapport għal policies fost l-Istati Membri relatati mal-objettivi u l-prijoritajiet tal-UE; u
- jiċċirkola l-ħsibijiet dwar dawn l-oqsma ta' dawk kollha involuti u s-soċjetà in ġenerali.

Għal aktar informazzjoni ara: http://ec.europa.eu/emploment_social/progress/index_en/html

L-informazzjoni li hemm f'din il-pubblikazzjoni mhix neċessarjament tirrifletti l-pożizzjoni jew l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

# Werrej

Daħla ........ 5

1. Provedimenti dwar is-Saħħa ........ 6
2. Servizzi Edukattivi ........ 9
3. Impjiegi ........ 18
4. Servizzi ta' Matul il-Jum għall-Adulti b'Diżabilità ........ 23
5. Sigurtà Soċjali ........ 26
6. Djar ........ 33
7. Servizzi Residenzjali ........ 39
8. Trasport ........ 44
9. Servizzi Oħra fil-Komunità ........ 54
10. Karta tal-Identità Speċjali ........ 65
11. Għajnuniet Speċjali għall-Persuni b'Diżabilità ........ 68

12. Informatika ........................................................................77

13. Servizz Spiritwali ................................................................83

14. Ħin Liberu ............................................................................86

15. Għarfien Pubbliku ................................................................89

16. Taħriġ u Riċerka ..................................................................98

17. Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi ............................101

18. Għaqdiet Nazzjonali Volontarji ........................................105

19. Għaqdiet Lokali Volontarji ................................................111

20. Konklużjoni .......................................................................115

Appendiċi ...............................................................................116

Indiċi ......................................................................................118



# Daħla

Għandi l-pjaċir li għal darb'oħra nippreżenta edizzjoni ġdida tal-ktieb **Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità**, li l-KNPD qed terġa' tippubblika bis-sapport finanzjarju tal-Programm Progress tal-Unjoni Ewropea. Meta wieħed iqabbel l-ewwel edizzjoni li jiena editjajt għoxrin sena ilu fl-1989, wieħed mill-ewwel jintebaħ li f'dan il-qasam ittieħdu diversi inizjattivi mis-Soċjetà Maltija biex il-persuni b'diżabilità verament ikollhom opportunitajiet indaqs. Naturalment għad baqa' xi jsir u bil-ħidma ta' kulħadd dan il-progress jitkompla.

Dan il-ktieb għandu l-għan prinċipali li jservi ta' direttorju komprensiv tas-servizzi u benefiċċji kollha li s-soċjetà tagħna toffri lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Dawn is-servizzi, minn żmien għal żmien, jinbidlu u jiżdiedu. It-tagħrif li ssibu f'dan il-ktejjeb hu korrett u eżatt sad-data tal-pubblikazzjoni tiegħu. Għalhekk ikun għaqli li meta tagħmel użu minn dan il-ktieb, tiċċekkja l-informazzjoni li ssib fih ma' dawk li jipprovdu s-servizzi permezz tat-telefon jew mezz ieħor li ssibu f'dan il-ktieb stess. Naturalment l-uffiċjali tal-KNPD jagħtukom ukoll kull għajnuna dwar l-informazzjoni li jkollkom bżonn meta titolbuhielhom.

Il-KNPD taħdem biex kulħadd ikollu aċċess għal din l-informazzjoni importanti u għalhekk dan il-ktejjeb qed jiġi ppubblikat f'formati differenti. Kopji f'dawn il-formati differenti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas mill-uffiċċini tal-KNPD waqt li l-formati stampati qegħdin ukoll fil-websajt tal-Kummissjoni.

**Fred Bezzina**
L-Editur

# 1

## Provedimenti dwar is-Saħħa

### 1. Id-Diviżjoni tas-Saħħa

**1.1** Toffri servizz ta' tilqim kontra mard infettiv bħalma hu t-tetnu, id-difterite, il-poljo, il-ħożba, ir-rubella, il-gattone, Haemophilus Influwenza B, is-sogħla konvulsiva, l-epatite u l-influwenza. Id-Diviżjoni toffri wkoll servizz ta' tilqim għal kontra mard infettiv li wieħed jista' jiltaqa' miegħu meta jsiefer.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand:
**Iċ-Ċentru tat-Tilqim**
**Ċentru tas-Saħħa, Floriana**
**Tel: 2568 0222 jew 2568 0223**

**1.2** Tipprovdi servizzi ta' dijanjożi u assessment mediku (hi x'inhi d-diżabilità u l-grad tagħha) lil persuni b'diżabilità. Id-Diviżjoni toffri diversi servizzi mediċi speċjalizzati bħalma huma dawk tal-għajnejn (oftalmoloġija), tas-smigħ (ENT), tal-għadam (ortopedija) u oħrajn.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand:
**L-Isptar Mater Dei**
**Tel: 2545 4184, 2545 4185, 2545 4186**



**1.3** Toffri fiżjoterapija u occupational therapy lil persuni b'diżabilità li jkollhom bżonn dawn is-servizzi.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand
**L-Isptar Mater Dei**
**Fiżjoterapija - Tel: 2545 1313, 2545 1351, 2545 1352**
**Occupational Therapy - Tel: 2545 1624**

**1.4** Toffri servizz ta' terapija tad-diskors u l-lingwa (speech therapy) lil dawk li jeħtiġuha. Dan is-servizz jingħata fil-Bereġ, fiċ-Ċentri tas-Saħħa, fl-iskejjel, fiċ-ċentri ta' matul il-jum jew fl-isptarijiet billi jsir appuntament dirett mal-ispeech therapist jew permezz ta' riferenza minn tabib jew għalliem lill-Klinika tal-iSpeech Therapy.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand
**L-Isptar Mater Dei**
**Klinika tal-iSpeech Therapy**
**Tel: 2545 6600**

**1.5** Toffri Genetic Counselling (parir dwar il-kawża tad-diżabilità) fid-Dipartiment tal-Out Patients fl-Isptar San Luqa. Kull persuna tiġi riferuta mill-Konsulent Pedjatriku (speċjalista tat-tfal).

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand
**L-Isptar Mater Dei**
**Tel: 2545 4521, 2545 4527**

**1.6** Toffri, permezz taċ-Child Development Assessment Unit (CDAU), servizz ta' assessment minn tim multi-dixxiplinarju lit-tfal li għandhom nuqqasijiet fl-iżvilupp li jistgħu jkunu fiżiċi, mentali jew fl-imġiba.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand
**Iċ-Child Development Assessment Unit (CDAU)**
**Pietà**
**Tel: 2208 1786, 2208 1792**

**1.7** Permezz tal-Audiology Unit fl-ENT Out Patients, tal-Isptar Mater Dei, tipprovdi servizz ta':

- Screening tas-smigħ tat-trabi;
- Testijiet tas-smigħ;
- Rijabilitazzjoni u counselling għal persuni neqsin mis-smigħ;
- Dizziness Clinic lil persuni li jkollhom sturdament jew Tinnitus (ħsejjes fil-widna).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**L-Isptar Mater Dei**
**Id-Dipartiment tal-Out Patients - ENT**
**Tel: 2545 4580, 2545 4581, 2545 4589**

**1.8** Permezz tal-Orthoptic Clinic fl-Ophthalmic Out Patients, tal-Isptar Mater Dei, tipprovdi servizz ta':

- Assessjar tal-vista u trattament ta' Amblyopia (għajn għażżiena);
- Assessjar tal-lenti tan-nuċċalijiet b'follow up meta jkun meħtieġ;
- Assessjar ta' problemi relatati mal-moviment tal-għajnejn u meta l-għajnejn ma jkunux dritti (squint)

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**L-Isptar Mater Dei**
**Id-Dipartiment tal-Out Patients - Oftalmija**
**Tel: 2545 4488, 2545 4480**



# 2
# Servizzi Edukattivi

## 1. Id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni

Id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi permezz tad-Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti toffri servizzi edukattivi għal tfal li għandhom xi diżabilità jew kundizzjoni fiżika, intellettwali, emozzjonali jew soċjali, tkun ta' liema grad tkun. Dawn is-servizzi huma kemm ta' natura preventiva (li ma jħallux il-problema tikber) kif ukoll rimedjali (li jgħinu lit-tfal ilaħħqu mat-tfal l-oħra), u jingħataw lill-istudenti, lill-ġenituri u lill-iskejjel skond il-ħtiġijiet tagħhom. Tingħata wkoll direzzjoni lill-ġenituri sabiex uliedhom b'diżabilità jkollhom l-edukazzjoni neċessarja.

Dawn is-servizzi tal-Edukazzjoni Speċjali jinqasmu fi tlieta:

- dawk li jingħataw fi skejjel regolari
- dawk li jingħataw fi skejjel speċjali
- servizzi oħra kif spjegat aktar 'il quddiem f'din it-Taqsima.

L-ewwel tnejn huma koordinati mid-Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti u mmexxija mid-Direttur u s-Service Managers.
(Tel: 2122 8349, 2122 8350, Fax: 2123 3513).

Is-servizzi prinċipali huma:

### 1.1 Statementing Moderating Panel

Studenti b'diżabilità li minħabba l-bżonnijiet individwali tagħhom jeħtieġu riżorsi lil hinn minn dawk eżistenti fl-iskejjel regolari, jistgħu jitolbu li jidhru quddiem l-iStatementing Moderating Panel tal-Ministeru tal-Edukazzjoni biex jiġu identifikati l-bżonnijiet edukattivi tagħhom u s-servizzi li huma jkollhom bżonn. Dan is-servizz jingħata skont kif hemm fid-dokument "Inclusive Education - Policy Regarding Students with a Disability" maħruġ mill-Kumitat Ministerjali dwar l-Edukazzjoni Inklużiva. Normalment, talba għal dan is-servizz issir mill-Kap tal-Iskola flimkien mal-ġenituri.

Jekk il-ġenituri jew il-Kap ta' l-Iskola ma jaqblux ma' xi deċiżjoni tal-iStatementing Moderating Panel, huma jistgħu jappellaw lill-Bord tal-Appelli mwaqqaf mill-Ministeru tal-Edukazzjoni għal dan il-għan.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**L-iStatementing Moderating Panel**
**u l-Bord tal-Appelli**
**Triq Ġużè Pace, Ħamrun**
**Tel: 2134 1130**
**Fax: 2134 1130**

### 1.2 Qabel l-iskola

Hemm servizz ta' tagħlim fid-djar għal tfal b'diżabilità ta' taħt l-erba' snin. Dawn l-għalliema jkomplu jgħinu lill-istudenti u l-familji tagħhom sakemm l-istudenti jilħqu l-età tal-edukazzjoni formali.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Is-Service Manager**
**Special Education Resource Centre**
**Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti**
**Triq Ġużè Pace, Ħamrun**
**Tel: 2125 2868**



### 1.3 L-Iskejjel Speċjali huma:

**L-Iskola Guardian Angel**
**(Persuni b'diżabilità intellettwali severa)**
Triq A. Scolaro, Ħamrun
Tel: 2125 1190
Tel/Fax: 2122 3496
Emejl: guardianangel.sns@gov.mt

**L-Iskola Dun Manwel Attard**
**(Persuni b'diżabilità intellettwali mhix severa)**
Triq San Pawl il-Baħar, Wardija
Tel: 2157 3989
Tel/Fax: 2157 3244
Emejl: wardija.sns@gov.mt

**L-Iskola San Miguel**
**(Persuni b'diżabilità severa jew aktar minn waħda)**
Pembroke
Tel: 2137 4224
Tel/Fax: 2137 3763
Emejl: sanmiguel.sns@gov.mt

**L-Iskola Mater Dei**
**(Persuni b'diżabilità emozzjonali)**
Misraħ il-Barrieri, Msida
Tel/Fax: 2123 6620
Emejl: materdei.sns@gov.mt

**L-Iskola Helen Keller**
**(Persuni b'diżabilità severa u sensorjali)**
Triq il-Kurat Mizzi, Qrendi
Tel: 2164 2398
Fax: 2164 2919
Emejl: hkeller.sns@gov.mt

**Sannat Unit**
**(Persuni b'diżabilità severa)**
L-Iskola Primarja, Sannat, Għawdex
Tel: 2155 1406
Fax: 2155 9202
Emejl: sannat.primary.c@gov.mt

## 1.4 Għajnuna ta' Għalliema Peripatetiċi fl-Iskejjel Regolari

L-istudenti neqsin mis-smigħ kif ukoll studenti neqsin mid-dawl jistgħu jieħdu l-għajnuna ta' għalliema peripatetiċi (li jduru minn skola għall-oħra).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**Is-Service Manager**
**Special Education Resource Centre**
**Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti**
**Triq Ġużè Pace, Ħamrun**
**Tel: 2125 2868**



## 1.5 Arranġamenti Speċjali għall-Eżamijiet

Studenti b'diżabilità li jkollhom bżonn ta' arranġamenti speċjali għall-eżamijiet pubbliċi skont id-dokument maħruġ mill-Ministeru tal-Edukazzjoni "Guidelines for Special Examination Arrangements for Canditates with Particular Requirements" għandhom jagħmlu t-talbiet tagħhom, permezz tal-Kap tal-Iskola, kemm jista' jkun kmieni, lill-Awtorità li tkun qed torganizza dak l-eżami. Kopja ta' dan il-ktejjeb qiegħda fuq il-websajt tal-KNPD: www.knpd.org.

## 1.6 Tagħlim fid-Djar

Tfal morda fit-tul jew b'diżabilità li ma jistgħux jattendu l-iskola jistgħu japplikaw biex ikollhom għalliema apposta li jżuruhom id-dar.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**Is-Service Manager**
**Special Education Resource Centre**
**Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti**
**Triq Ġużè Pace, Ħamrun**
**Tel: 2125 2868**

## 1.7 Klassijiet għat-Tagħlim tal-Qari tax-Xofftejn u tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija

Jiġu organizzati lezzjonijiet ta' filgħaxija dwar il-Qari tax-Xofftejn għal persuni neqsin mis-smigħ u tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija għall-pubbliku ġenerali.

Aktar tagħrif jista' jinkseb mingħand
**Is-Service Manager - Life Long Learning**
**Diviżjoni tal-Edukazzjoni, Floriana**
**Tel:  2598 2520**

### 1.8 Fl-Isptar Mater Dei

Fl-Isptar Mater Dei jingħata servizz edukattiv minn għalliema u playworkers biex jgħinu studenti li jkunu ilhom ħafna l-isptar sabiex jegħlbu t-trawma li jġib miegħu dan il-fatt.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Is-Service Manager**
**Special Education Resource Centre**
**Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti**
**Triq Ġużè Pace, Ħamrun**
**Tel: 2125 2868**

### 1.9 Young People's Unit

F'dan il-Unit jingħata servizz minn għalliema li jgħinu lil dawk it-tfal li jattendu dan il-Unit għal ftit żmien jew fit-tul.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Is-Service Manager**
**Special Education Resource Centre**
**Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti**
**Triq Ġużè Pace, Ħamrun**
**Tel: 2125 2868**

### 1.10 Skejjel Indipendenti

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni qed joffri sapport finanzjarju lil ġenituri ta' studenti b'diżabilità li jattendu skejjel indipendenti u li jkollhom bżonn is-servizz tal-Learning Support Assistant.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Is-Service Manager**
**Special Education Resource Centre**
**Dipartiment għas-Servizzi għall-Istudenti**
**Triq Ġużè Pace, Ħamrun**
**Tel: 2125 2868**



## 2. Arranġamenti Speċjali għall-Eżamijiet tas-Sec u l-Matsec

L-Università ta' Malta toffri opportunitajiet indaqs lil studenti b'diżabilità għal waqt l-eżamijiet, kemm tas-Sec kif ukoll dawk tal-Matsec. Talbiet għall-arranġamenti speċjali biex ikunu jistgħu jiġu aċċettati jridu jsiru skont il-linji gwida maħruġa mill-Università fil-ktieb "The University of Malta and Students with Disability" u li kopja tiegħu tinsab fuq il-websajt tal-KNPD: www.knpd.org, kif ukoll fuq il-websajt tal-Università. F'dan il-ktieb hemm ukoll il-formoli relevanti.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jinkisbu mingħand

**Access: Disability Support Unit**
**Room 109, Old Humanities Building**
**Università ta' Malta, Msida MSD2080**
**Tel: 2340 2557**
**Websajt: www.um.edu.mt**

## 3. L-iMCAST

L-iMCAST joffri opportunitajiet indaqs lill-istudenti b'diżabilità. Studenti li għandhom bżonn ta' sapport biex isegwu kors fl-iMCAST għandhom jirrikorru għand id-Direttur tal-Informazzjoni u Servizzi ta' Sapport għall-Istudenti. L-iMCAST ukoll joffri l-kors Pathways, li hu kors speċifiku għal studenti b'diżabilità intellettwali li jixtiequ jibdew jaħdmu.

Aktar tagħrif jista' jinksieb mingħand

**Is-Sur John Bartolo**
**Direttur tal-Informazzjoni u Servizzi ta' Sapport għall-Istudenti**
**MCAST, Corradino**
**Tel: 2398 7134**
**Emejl: john.bartolo@mcast.edu.mt**

## 4. L-Università ta' Malta

L-Università ta' Malta toffri opportunitajiet indaqs lill-istudenti b'diżabilità. Għal dan il-għan hi għandha kumitat: ACCESS: Disability Support Committee, li permezz tad-Disability Support Unit tal-Università, joffri sapport lill-istudenti b'diżabilità biex huma jkunu jistgħu jkomplu bl-edukazzjoni tagħhom kemm fil-Junior College kif ukoll fl-Università.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn
**Access: Disability Support Unit**
**Room 109, Old Humanities Building,**
**Università ta' Malta, Msida MSD2080**
**Tel: 2340 2557**
**Websajt: www.um.edu.mt/about/services/support/access**

## 5. Il-Fondazzjoni INSPIRE

Il-Fondazzjoni INSPIRE tipprovdi firxa ta' programmi għal tfal u żgħażagħ b'diżabilità intellettwali kif ukoll fiżika. Dawn il-programmi jipprovdu edukazzjoni mfassla fuq il-ħtiġijiet individwali ta' kull persuna, bil-għan li l-persuna b'diżabilità tkun tista' taqbad it-triq lejn il-ħajja tax-xogħol u l-għajxien indipendenti. Il-programmi kollha jitfasslu bi sħab mal-ġenituri li huma mħarrġa biex jieħdu sehem attiv fit-tagħlim u fl-iżvilupp ta' wliedhom.

Il-klijenti jingħataw ukoll servizz ta' Speech Therapy, Physiotherapy, Occupational Therapy, Creative Arts, Life Skills u Mużika, Hydrotherapy, Therapeutic Horseback Riding, Fitness, Adapted Sports u ICT kif u fejn meħtieġ.

Dawn il-programmi jingħataw bl-għajnuna finanzjarja tal-Gvern li tkopri parti mill-ispejjeż.



Il-programmi prinċipali huma dawn:

- **Parent & Child Education Services (PACES)** - Dan hu programm li joffri servizzi lil tfal b'diżabilità intellettwali ta' etajiet mit-twelid sa 7 snin. Dawn is-servizzi jingħataw fid-djar tal-istudenti jew fl-iskejjel.
- **Physical Re-Education Programme** - Dan hu pogramm maħsub għal tfal sal-età ta' sittax-il sena li għandhom paraliżi ċerebrali (cerebral palsy).
- **Early Bird Programme** - Dan hu programm ta' taħriġ għal ġenituri li għandhom tfal bl-awtiżmu.
- **Structured Training & Education Programme (STEP).** Dan hu programm għal tfal bl-awtiżmu mibni fuq il-metodu TEACH li hu akkreditat min-National Autistic Society tal-Ingilterra. Il-programm hu maqsum skond l-età kif ġej:
  - **STEP One** - Servizz għal klijenti ta' bejn is-sentejn u s-7 snin li jingħata filgħodu;
  - **STEP Two** - Servizz għal klijenti ta' bejn is-seba' snin u t-tnax-il sena li jingħata wara nofsinhar;
  - **STEP Three** - Servizz għal klijenti ta' bejn it-tnax u s-sittax-il sena u hu servizz ta' tranżizzjoni għal ħajja adulta u fuq affarijiet tal-adolexxenza fid-dar, l-iskola u l-komunità.
- **STYLE** huwa programm għaż-żagħżagħ bejn l-età ta' 11 u 17-il sena li għandhom l-awtiżmu, biex jitħejjew għad-dinja tax-xogħol u għal ħajja awtonoma ta' kwalità.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**INSPIRE (Il-Fondazzjoni Eden u Razzett)**
**801, Qasam Industrijali, Bulebel, Żejtun**
**Tel: 2167 3706**
**Fax: 2166 5260**
**Emejl: info@inspire.org.mt**
**Websajt: www.inspire.org.mt**

# 3

# Impjiegi

## 1. Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ

**1.1** Għal skop ta' impjieg, persuna b'diżabilità tista' tirreġistra bħala tali mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC), kif ipprovdut fil-Liġi tal-Impjiegi (Persuni b'Diżabilità) tal-1969. Din il-Liġi tipprovdi li dawk il-kumpaniji li jimpjegaw 20 ruħ jew aktar għandu jkollhom fl-impjieg tagħhom mhux anqas minn 2% tan-numru ta' persuni impjegati li huma reġistrati bħala persuni b'diżabilità.

Biex persuna tibda tirreġistra għax-xogħol bħala persuna b'diżabilità trid tkun għalqet is-sittax-il sena u jkun għadda l-perjodu tas-sena skolastika. Huwa importanti li l-persuna tkun disponibbli li taħdem u lesta li tattendi taħriġ offrut lilha. Sabiex tirreġistra l-ewwel darba, il-persuna trid tmur l-ETC ġewwa Ħal Far fit-Taqsima tax-Xogħol Issapportjat u tieħu magħha:

- Il-Karta tal-Identità;
- Id-dokument tas-Sigurtà Soċjali li jinġieb mill-Uffiċċju Distrettwali tas-Sigurtà Socjali;
- Ċertifikat mediku li juri l-istat preżenti tal-persuna. Dawk il-persuni li għandhom problemi ta' saħħa mentali, jeħtieġ li dan iċ-ċertifikat ikun maħruġ mingħand psikjatra; u
- L-oriġinal taċ-ċertifikati akkademiċi u oħrajn.



Wara li l-persuna b'diżabilità tirreġistra l-ewwel darba, isirulha appuntamenti mat-Tabib tal-ETC, mal-Occupational Therapist u mal-Employment Advisor sabiex isir profil tal-persuna. F'dan l-assessjar jiġu mkejla l-abbiltajiet u jiġu identifikati l-preferenzi u l-inklinazzjonijiet tal-persuna li tkun bdiet tirreġistra għax-xogħol. Dan sabiex jiġu referuti lilha dawk il-vakanzi ta' xogħol li jkunu addattati għaliha. Pjan ta' Azzjoni Personali (PAP) jiġi mfassal bejn l-Employment Advisor u l-persuna b'miżuri stabbiliti li jgħinu lill-persuna fit-tfittxija tax-xogħol.

Sakemm jinstab xogħol, il-persuna b'diżabilità tkun tista' tintbagħat biex issegwi korsijiet ta' taħriġ fis-sistema tal-mainstream tal-ETC, kif ukoll għal taħriġ speċifiku barra mill-ETC. Matul dan it-taħriġ, f'ċerti każijiet, l-ETC toffri s-servizz ta' Learning Support Assistant lil dawk il-persuni b'diżabilità li jkollhom bżonn dan is-sapport biex isegwu t-taħriġ b'suċċess.

**1.2** Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ tgħin b'diversi modi biex persuni b'diżabilità jitħarrġu u jsibu impjieg, inkluż diversi skemi u programmi ta' għajnuna mill-Fond Nazzjonali u oħrajn iffinanzjati parzjalment mill-Unjoni Ewropeja.

Għal persuna b'diżabilità li tixtieq taħdem għal rasha, l-ETC tipprovdilha gwida u pariri professjonali relatati. Din l-għajnuna tibqa' tingħata mill-ETC sakemm il-persuna tiġi impjegata f'xi xogħol.

Mill-fond nazzjonali, l-ETC tamministra l-iskema tal-Bridging the Gap (BTG) li toffri opportunità ta' prova fuq il-post tax-xogħol lill-persuni b'diżabilità. Matul il-perjodu miftiehem, il-persuni jingħataw allowance fil-gimgħa mill-ETC, ekwivalenti għal 80% tal-paga minima nazzjonali. Jekk il-persuna ddum aktar minn tnax-il ġimgħa f'din l-iskema, hi trid iċċedi l-benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali tagħha. Min-naħa l-oħra l-employer ma jkunx obbligat li jħallas il-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali, il-paga u benefiċċji oħra bħas-sick leave.

L-Employment Aid (EAP) huwa programm parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja li joffri lill-kumpaniji eliġibbli, sussidju fuq il-paga għall-impjieg ta' persuni b'diżabilità sa perjodu ta' tliet snin. Dan is-sussidju huwa ta' 75% tal-paga fl-ewwel sena ta' impjieg, u 60% tal-paga fit-tieni u fit-tielet sena. Biex l-applikazzjoni tkun eliġibbli għall-fondi, jeħtieġ li l-aħħar ingaġġ ikun mhux aktar tard minn Settembru 2012. Dan il-proġett jibqa' fis-seħħ sal-2013.

It-Training Aid Framework (TAF), proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, joffri assistenza finanzjarja lill-kumpaniji biex iħarrġu lill-impjegati tagħhom. Dan is-sussidju f'taħriġ huwa miftuħ ukoll għal persuni li jaħdmu għal rashom. Dan il- proġett jibqa' fis-seħħ sa Ġunju 2013.

F'każijiet partikulari, l-ETC toffri għal perjodu limitat is-servizz ta' job coach lil dawk il-persuni b'diżabilità li għall-ewwel perjodu ta' impjieg ikollhom bżonn taħriġ personalizzat.

**1.3** Il-kumpaniji li impjegaw magħhom persuni reġistrati b'diżabilità b'effett mill-1 ta' Jannar 2008 huma intitolati li jitolbu lill-Gvern rifużjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mħallsa.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**It-Taqsima tax-Xogħol Issapportjat**
**Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħrig**
**Ħal Far**
**Tel: 2220 1404, 2220 1410, 2220 1412**
**Fax: 2220 1832**



## 2. Impjieg mas-Servizz Pubbliku

Biex ikun jista' verament joffri opportunitajiet indaqs, il-Gvern aċċetta li persuni b'diżabilità reġistrati mal-KNPD li ma jkollhomx il-kriterji kollha biex japplikaw għal impjieg mal-gvern jew għal promozzjoni imma li jkunu jistgħu jwettqu d-doveri essenzjali tal-impjieg li qed japplikaw għalih, jitħallew japplikaw biex ikunu kkunsidrati.

Għalhekk persuni b'diżabilità li jixtiequ jibbenefikaw minn din il-konċessjoni għandhom japplikaw mad-Dipartiment konċernat, jibagħtu kopja tal-Karta tal-Identità Speċjali flimkien mar-raġunijiet għaliex hu/hi ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha, u għaliex għandha tingħata din il-konċessjoni.

F'kull sejħa għall-applikazzjoni mas-settur Pubbliku jidher paragrafu li jispjega din il-konċessjoni.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-
**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali, Istituto Vincenzo Bugeia,**
**Santa Venera**
**Tel: 2148 7789**
**Fax: 2148 4609**
**Textelefon: 2144 6536**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**

## 3. Il-Fondazzjoni INSPIRE

INSPIRE għandha skema magħrufa bħala Supported Employment and Training Scheme biex żgħażagħ li jiġu riferuti mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ isegwu programm li jippreparahom għax-xogħol. Dan il-programm hu maqsum f'żewġ fażijiet:

- **Personality & Sociability Skills Training Scheme.** Dan hu programm ta sitt xhur li fih il-klijenti jingħataw taħriġ fil-literacy u n-numeracy, fl-iġjene u fuq kif wieħed iġib ruħu soċjalment.
- **Work Exposure and Work Experience.** Dan hu programm li fih iż-żgħażagħ ikollhom esperjenzi differenti ta' xogħol biex imbagħad jinħarġu l-profili, ix-xewqat u l-abbiltajiet tagħhom. Meta l-preferenzi jkunu magħżula, il-klijenti jingħataw esperjenza serja fuq dan ix-xogħol.

Iż-żgħażagħ jinstabilhom xogħol full-time jew part-time skont il-bżonnijiet tagħhom u jingħatalhom is-sapport minn job coach. Wara, INSPIRE tibqa' tagħti servizz ta' follow up biex min iħaddem u l-ħaddiem ikunu jistgħu jsolvu xi problemi li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien.

Dawn is-servizzi jingħataw bil-għajnuna finanzjarja tal-Gvern.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**INSPIRE (Il-Fondazzjoni Eden u Razzett)**
**801, Qasam Industrijali, Bulebel, Żejtun**
**Tel: 2167 3706**
**Fax: 2166 5260**
**Emejl: info@inspire.org.mt**
**Websajt: www.inspire.org.mt**



# 4

# Servizzi ta' Matul il-Jum għall-Adulti b'Diżabilità

## 1. Aġenzija Sapport

**1.1** L-Aġenzija Sapport fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali tipprovdi servizzi ta' matul il-jum għall-adulti b'diżabilità li jsibuha diffiċli ħafna li jidħlu fid-dinja tax-xogħol. L-għanijiet prinċipali ta' dawn is-servizzi huma:

- jipprovdu ambjent fejn dawk li jattendu jakkwistaw ħiliet u jipparteċipaw f'attivitajiet utli;
- jipprovdu opportunitajiet biex dawk li jirċievu dawn is-servizzi jipparteċipaw aktar bis-sħiħ fil-ħajja tal-komunità; u
- jipprovdu ambjent ta' respite għall-familji tagħhom.

Minbarra dawn l-għanijiet, dawn is-servizzi qed jiżviluppaw servizzi ta' natura fiżika u psikoloġika biex il-persuni li jirċevuhom ikollhom kundizzjoni fiżika aħjar u għalhekk igawdu kwalità ta' ħajja aħjar. Dan isir permezz ta' professjonisti varji kif ukoll social workers, li jaħdmu biex iżommu rabta tajba bejn dawn is-servizzi u l-familji.

Jekk tixtieq tkun taf aktar tista' tikkuntattja
**Is-Servizzi ta' Matul il-Jum**
**Aġenzija Sapport, Triq Braille, Santa Venera**
**Tel: 2388 5172**
**Fax: 2144 1029**
**Emejl: joyce.mifsud@gov.mt**

Dawn is-servizzi jingħataw primarjament permezz taċ-Ċentri li l-Fondazzjoni għandha f'lokalitajiet differenti ta' Malta. Fil-preżent dawn iċ-Ċentri huma:

| Post | Indirizz | Telefon | Fax |
|---|---|---|---|
| Fleur-de-Lys | Triq Fleur-de-Lys | 2148 0585 | 2148 0172 |
| Ħal Far | | 2165 3162 | 2165 9788 |
| Mtarfa | Triq San Osward | 2145 9116 | 2145 0579 |
| Wied il-Għajn | Triq il-Vajrita | 2163 2178 | 2163 3338 |

**1.2** F'dawn l-aħħar snin twaqqfu Ċentri żgħar fil-komunità biex jagħtu dan is-servizz. Fil-preżent hemm erbgħa minn dawn iċ-Ċentri, kif ġej:

| Post | Indirizz | Telefon | Fax |
|---|---|---|---|
| Mtarfa | Bini tal-Kunsill Lokali, Triq ir-Reġimenti Maltin | 2145 4720 | 2145 4720 |
| Pembroke | Ċentru Pastorali Kristu Rxoxt, Triq G. Mitrovich | 2138 9190 | 2138 9190 |
| Birgu | Ċentru AĊĊESS, Triq San Dwardu | 2398 5171 | 2398 5170 |
| Swatar | Triq il-Balliju, Guttenberg | 2131 5798 | 2131 5794 |

Fl-2008 twaqqaf Ċentru ieħor bi sħab mal-PHRF ġewwa l-binja ta' din l-Għaqda f'Kordin.

**Tel: 2788 5136, 2180 5115**
**Fax: 2788 5135**



### 1.3 Ċentru għal Persuni Għomja

Dan iċ-Ċentru jinsab
**Ċentru Ħidma Soċjali, Santa Venera**
**Tel: 2144 6021, Fax: 2148 4409**

## 2. Ċentru ta' Matul il-Jum f'Għawdex

F'Għawdex, il-Ministeru għal Għawdex għandu Ċentru f'Victoria li jipprovdi servizzi ta' matul il-jum lill-adulti b'diżabilità.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**Ċentru ta' Matul il-Jum Santa Marta**
**Triq il-Far, Victoria, Għawdex**
**Tel: 2156 1668**
**Fax: 2155 3886**

## 3. Il-Muscular Dystrophy Group

Il-Muscular Dystrophy Group joffri xogħol part-time primarjament lill-membri tiegħu fiċ-Ċentru tal-Grupp.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**Il-Muscular Dystrophy Group**
**4, Triq il-Gżira, Gżira**
**Tel: 2134 6688**
**Fax: 2131 8024**
**Emejl: mdg@mdgmalta.com, mdgmalta@onvol.net**
**Websajt: www.mdgmalta.com**

# 5

# Sigurtà Soċjali

## 1. Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

### 1.1 Allowance għal Tfal b'Diżabilità

Din hija allowance għal tfal b'diżabilità severa skont il-Liġi dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318). Il-parti relevanti tinsab f'Appendiċi A paġni 116 u 117 ta' dan il-ktejjeb. Din l-allowance mhix suġġetta għall-eżami tal-mezzi u r-rata mħallsa hi ta' €16.31 fil-ġimgħa.  Din l-allowance tingħata mit-twelid sal-età ta' sittax-il sena waqt li persuni b'vista batuta jirċievu din l-allowance sal-età ta' 14-il sena (l-età meta jikkwalifikaw għall-pensjoni tal-persuni b'diżabilità).

Persuni b'diżabilità li jikkwalifikaw għal dan il-benefiċċju huma msemmija fl-Artiklu 77 tal-Liġi dwar is-Sigurtà Soċjali fl-Appendiċi A, paġni 116 u 117 ta' dan il-ktejjeb.

### 1.2 Pensjoni għall-Persuni b'Diżabilità

Għal dawk il-persuni b'diżabilità li huma akbar minn 16-il sena hemm il-Pensjoni għall-Persuni b'Diżabilità. Fil-każ ta' persuni b'vista batuta, din il-pensjoni tibda tingħata mill-età ta' 14-il sena 'l fuq. Fil-preżent, din il-pensjoni għal persuni kemm jekk miżżewġa kif ukoll jekk mhux miżżewġa hija ta' €86.58 fil-ġimgħa. Għaldaqstant koppja



miżżewġa fejn iż-żewġ persuni jikkwalifikaw għall-pensjoni tal-persuni b'diżabilità jieħdu €86.58 fil-ġimgħa kull wieħed. Il-persuni b'diżabilità li jikkwalifikaw għal din il-pensjoni huma dawk imsemmija fil-Liġi dwar is-Sigurtà Soċjali kif hemm f'Appendiċi A, paġni 116 u 117 ta' dan il-ktejjeb. L-applikant irid jikkwalifika skont eżami tal-mezzi kif hemm spjegat fl-istess Liġi dwar is-Sigurtà Soċjali.

Persuna b'diżabilità li tirċievi l-pensjoni tista' żżid id-dħul tagħha mingħajr ma titlef xejn mill-pensjoni, billi tagħmel xogħol barrani, (jew mod ieħor, per eżempju, mill-interessi ta' flus fil-bank li jkunu ġejjin minn wirt jew mod ieħor) sakemm dawn it-tnejn flimkien ma jaqbżux il-paga minima nazzjonali. Jekk il-persuna b'kollox taqla' aktar mill-paga minima, il-pensjoni tonqos pro-rata, jiġifieri aktar ma taqbeż il-paga minima, aktar tonqos il-pensjoni.

### 1.3 Pensjoni għall-Korriment

Persuna assigurata (impjegata jew taħdem għaliha nnifisha) li tweġġa' fuq ix-xogħol jew ikollha xi waħda mill-mardiet speċifikati fl-ewwel kollona tar-Raba' Skeda li tinsab fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u minħabba f'hekk tibqa' b'nuqqas konsiderevoli ta' użu ta' xi fakultà fiżika jew mentali, hi intitolata għall-Pensjoni tal-Korriment għal ħajjitha, jew għal somma flus (Għotja għall-Korriment) skont is-severità ta' dan in-nuqqas.

Persuna assigurata (impjegata jew taħdem għaliha nnifisha) li jkollha ħsara fiżika jew mentali u li l-grad tas-severità taghha ikun aktar minn 90% fil-mija, għandha awtomatikament tkun intitolata għar-rata sħiħa ta' Pensjoni għal Invalidità.

## 1.4 Għajnuna Soċjali għall-Wens

Meta f'xi familja jkun hemm persuna li ma tkunx miżżewġa jew tkun armla, u li tkun tinsab mingħajr xogħol, li tipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali li hi qed tieħu ħsieb xi qarib waħedha għal kollox fuq bażi full-time u li l-kapital tagħha ma jaqbiżx €14,000, tkun intitolata għall-għajnuna soċjali għall-wens.

Jista' jibbenefika kull min jieħu ħsieb xi qarib (eżempju: ġenituri, aħwa, nanniet, zijiet, missier jew omm ir-raġel, jew ir-raġel ta' oħt, jew il-mara ta' ħu l-applikant/a) li jkun joqgħod fl-istess familja ta' dik il-persuna li tapplika għal din l-għajnuna. Dan il-qarib imsemmi hawn fuq irid ikollu nuqqas fiżiku jew mentali sever kif iċċertifikat minn tabib fil-qasam tan-nuqqas imsemmi, jew ikollu aktar minn sittin sena u ma jkunx fiżikament jew mentalment jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u tal-bżonnijiet tiegħu ta' kuljum.

L-ogħla rata ta' din l-għajnuna hi ta' 75% tal-għajnuna soċjali u llum hi ta' €65.75 fil-ġimgħa.

## 1.5 Pensjoni tal-Wens

Persuna mhix miżżewġa jew armel/armla li hija:

- ċittadin ta' Malta u tkun residenti hawn Malta;
- il-mezzi tagħha ma jaqbżux ir-rata l-aktar għolja tal-Pensjoni tal-Wens li hi 60% tal-Paga Minima Nazzjonali;
- tkun qed tieħu ħsieb, waħedha, fuq bażi regolari xi qarib (eżempju: ġenituri, aħwa, nanniet, zijiet, missier jew omm ir-raġel, ir-raġel ta' oħt jew il-mara ta' ħu l-applikant/a) li joqgħod fl-istess familja ta' dik il-persuna li tkun qed tapplika għal din l-għajnuna. Il-qarib imsemmi jrid ikollu nuqqas b'tali mod li jkun kostrett li jgħaddi ħajtu f'sodda jew f'siġġu tar-roti, hi intitolata għall-pensjoni tal-wens li l-ogħla rata tagħha llum hi ta' €90.93 fil-ġimgħa.



## 1.6 Għajnuna lil Persuni b'Mard Kroniku

Tingħata għajnuna lil persuni li għandhom mard kroniku. Illum din l-għajnuna hi ta' €20.97 fil-ġimgħa għal persuna waħedha. Meta n-numru ta' membri fil-familja jkun iżjed minn wieħed, din ir-rata tiżdied bi €15.84 fil-ġimgħa għal kull membru ieħor ta' dik il-familja.

Il-mard kroniku hu wieħed minn dawn:

- mard ta' natura malinja
- mard kardjovaskolari
- mard endokrinu
- mard tal-kliewi
- mard fis-sistema diġestiva
- mard tal-fwied
- skiżofrenija kronika
- infezzjoni bil-mikrobu tal-HIV
- dijabete.

Aktar dettalji dwar din il-lista jinsabu fl-ewwel Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Liġi dwar is-Sigurtà Soċjali.

Biex persuna tikkwalifika għall-Għajnuna tal-Mard:

- ma tridx tkun impjegata jew taħdem għal rasha;
- ir-riżorsi kapitali tagħha jridu jkunu anqas minn €14,000 , fil-każ ta' persuna waħedha, jew €23,300 fil-każ ta' persuna miżżewġa;
- il-mezzi u d-dħul kif ikkalkulati skont it-Tielet Skeda tal-Liġi dwar is-Sigurtà Soċjali jridu jkunu anqas minn €21.66 fil-ġimgħa f'każ ta' persuna waħedha;
- fil-każ ta' skiżofrenija kronika l-persuna trid tkun ilha aktar minn tliet snin taħt kura. Din il-kura trid tiġi ċċertifikata minn psikjatra li jkun jew li kien psikjatra konsulent impjegat mal-Gvern u li din il-kura trid tkun ilha għall-aħħar tliet xhur qabel saret it-talba;

- fit-test tal-mezzi u kapital jitqiesu biss id-dħul u l-mezzi tal-persuna kkonċernata.

## 1.7 Għajnuna Medika Bla Ħlas

Persuni li għandhom xi waħda minn dawn il-mardiet jingħataw Għajnuna Medika bla Ħlas (inkluż mediċini u pilloli):

- mard ta' natura malinja
- mard kardjovaskolari
- mard respiratorju
- mard kollaġenu
- mard endokrinu
- mard tal-kliewi
- mard fis-sistema diġestiva
- mard fil-fwied
- mard tas-sistema nervuża ċentrali
- skiżofrenija
- ħemofilja
- il-marda ta' Paget
- glawkoma
- psorijasi estensiva
- Huntington's Chorea
- Auto-Immune Enteropathy
- infezzjoni bil-mikrobu tal-HIV
- indifferenza konġenitali għall-uġigħ.

Biex persuna tikkwalifika għal din l-għajnuna:

- irid ikollha aktar minn 16-il sena;
- ir-riżorsi kapitali tagħha jridu jkunu anqas minn €9,320 fil-każ ta' persuna waħedha, jew €16,310 fil-każ ta' persuna miżżewġa;



- fil-każ ta' persuna f'impjieg assigurabbli, il-mezzi u d-dħul, kif ikkalkulati skont it-Tielet Skeda tal-Liġi dwar is-Sigurtà Soċjali, iridu jkunu anqas minn €127.84 fil-ġimgħa f'każ ta' persuna waħedha. Meta n-numru ta' membri fil-familja jkun iżjed minn wieħed, din ir-rata tiżdied bi €8.15 fil-ġimgħa għal kull membru ieħor ta' dik il-familja.
- fil-każ ta' persuna li ma tkunx f'impjieg assigurabbli jew li taħdem għal rasha, il-mezzi u dħul ieħor, kif ikkalkulati skont it-Tieni Skeda tal-Liġi dwar is-Sigurtà Soċjali, iridu jkunu anqas minn €27.37 fil-ġimgħa f'każ ta' persuna waħedha. Meta n-numru ta' membri fil-familja jkun iżjed minn wieħed, din ir-rata tiżdied bi €8.15 fil-ġimgħa għal kull membru ieħor ta' dik il-familja.

Fil-każ ta' persuni li jkunu morda bit-tuberkolożi, bil-lebbra jew bil-poliomylitis jew li jkollhom id-dijabete mellitus jew min ibati bl-effetti li jħalli dan il-mard, ma jsirx it-test tal-mezzi u tar-riżorsi kapitali.

## 1.8 Leave tal-Ġenituri

Omm jew missier li jieħdu l-leave tal-ġenituri biex jieħdu ħsieb tifel/tifla li għandu/għandha diżabilità serja, jingħataw kreditu tas-Sigurtà Soċjali (il-bolla) għal erba' snin flok għal sentejn kif jingħata meta t-tifel jew it-tifla ma jkollhomx diżabilità.

Dan il-benefiċċju jingħata:

- jekk il-ġenitur ikun twieled wara l-1 ta' Jannar tal-1962;
- il-ġenitur għandu l-kura u l-kustodja tat-tifel jew tifla b'diżabilità;
- il-ġenitur jipprovdi ċertifikat ta' konsulent mediku li t-tifel/tifla b'diżabilità għandu/għandha diżabilità serja; u
- it-tifel/tifla jkollu/jkollha anqas minn 10 snin.

Kull ġenitur jista' jingħata sa massimu ta' 208 kreditu (jiġifieri għal 4 snin) ta' kontribuzzjoni b'xi perjodu ta' 4 snin sakemm il-ġenitur jerġa' jaħdem għal perjodu li ma jkunx anqas mill-ammont ta' kreditu li jkun ingħata.

Aktar tagħrif u applikazzjonijiet dwar is-servizzi soċjali msemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċji Distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali mxerrdin f'Malta u Għawdex, jew mingħand:

**L-Uffiċċju tal-Customer Care**
**Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali**
**38, Triq l-Ordinanza, Valletta**
**Tel: 2590 3233**
**Fax: 2590 3234**



# 6 Djar

## 1. L-Awtorità tad-Djar

L-Awtorità tad-Djar tipprovdi numru ta' servizzi lill-persuni b'diżabilità.

### 1.1 Għajnuna finanzjarja għal xogħlijiet ta' titjib f'residenzi ta' persuni b'diżabilità

Wieħed jista' japplika għand l-Awtorità tad-Djar għal għotja ta' flus bil-għan li d-dar fejn qed jgħix tiġi tajba għad-diżabilità tiegħu jew ta' xi membru tal-familja tiegħu.

L-għajnuna fi flus tiġi mogħtija biss biex tgħin l-applikant jagħmel xi xogħlijiet minn dawn:

- **Tibdil ġenerali**
  - estensjonijiet jew tibdil biex issir kamra tal-banju jew tojlit meħtieġa għal persuni b'diżabilità

- **Aċċess għall-kmamar**
  - rampa flok taraġ
  - tibdil fit-taraġ, per eżempju, biex titwessa' t-tarġa jew biex isiru nofs tarġiet poġġaman jew balavostri għar-rampi jew taraġ

- **Bibien u twieqi**
  - twessigħ jew tqegħid mill-ġdid ta' bibien biex jippermettu li persuna li tuża siġġu tar-roti tgħaddi minnhom
  - tibdil ta' bibien biex isiru sliding jew folding
  - aċċessorji addattati, per eżempju serraturi bil-manku flok bil-pumijiet, pjanċi tal-ħadid biex jilqgħu daqqiet ta' sieq
  - strixxa biex tipproteġi l-kument tal-bibien
  - tibdil fit-twieqi biex persuni li jużaw siġġu tar-roti jkunu jistgħu jħarsu 'l barra twieqi akbar għal dawk b'vista baxxa

- **Turġien u ċirkolazzjoni vertikali**
  - żieda ta' poġġaman ieħor fit-taraġ
  - grada fejn jibda jew jispiċċa t-taraġ

- **Servizz tal-Ilma**
  - tibdil tal-vit tal-ilma għal wieħed addattat
  - twaħħil mill-ġdid tal-vit f'livell tajjeb

- **Servizzi tal-elettriku u biex isaħħnu**
  - twaħħil mill-ġdid ta' power points f'livell tajjeb
  - rocker light switches
  - qanpiena ta' emerġenza
  - qanpiena addattata għall-persuni b'nuqqas ta' smigħ
  - dawl fluworexxenti fil-kċejjen, fil-kmamar tal-banju u bnadi simili għal persuni b'vista baxxa
  - sistema ta' alarm għal min hu nieqes mis-smigħ, per eżempju dwal iteptpu



- **Kċejjen**
  - tibdil biex wiċċ il-cabinets tal-kċina, is-sink u l-armarji jiġu f'għoli tajjeb
  - kukers ġol-cabinets għall-użu ta' persuni b'diżabilità fiżika
  - kukers bil-pumijiet speċjali għall-użu tal-persuni b'diżabilità

- **Kmamar tal-banju u tojlits addattati għall-persuni b'diżabilità**
  - doċċa minflok jew b'żieda għall-banju
  - kabina tad-doċċa
  - banju addattat
  - tojlit addattat
  - friskatur addattat
  - bidet addattat
  - alterazzjonijiet fil-livell tat-tojlit
  - fixed bath hoist
  - twaħħil ta' rails mal-ħitan ħdejn il-banju jew it-tojlit
  - pjattaforma f'ras il-banju

  Għax-xogħlijiet ta' hawn fuq, il-massimu tal-għotja hi ta' €1,863.50.

- **Lifts jew Stairlifts**
  - Lift jew stairlift (stallat fit-taraġ għall-użu bil-wieqfa jew bil-qiegħda jew bi pjattaforma għas-siġġu tar-roti)

  Għax-xogħlijiet ta' hawn fuq, il-massimu tal-għotja hi ta' €5,124.62 fil-każ ta' stairlift u €11,646.87 fil-każ ta' lift.

- **Xogħlijiet meħtieġa għal-lifting aids u lifts**
  - rinforz ta' soqfa biex jitwaħħal miegħu l-makkinarju għal-lifting aid personali (hoist)
  - tibdil ta' struttura fil-bini biex jiġi stallat lift

  Għax-xogħlijiet ta' hawn fuq il-massimu tal-għotja hu ta' €3,028.19.

- **Xogħlijiet ta' estensjoni u konverżjoni ta' bini**
  - xogħlijiet u benefikati li l-Awtorità tad-Djar jidhrilha li jkunu meħtieġa jew utli sabiex parti mid-dar eżistenti tiġi mkabbra jew mibdula b'mod li persuna b'diżabilità tkun tista' tgħix b'mod indipendenti jew semi-indipendenti

  Għax-xogħlijiet ta' hawn fuq, il-massimu tal-għotja hu ta' €5,357.55.

- **Xogħlijiet oħra**
  - L-Awtorità tad-Djar tista' tapprova xogħlijiet oħra li ma jidhrux hawn fuq jekk ikunu rakkomandati mill-Bord imwaqqaf apposta biex jeżamina dawn it-talbiet

Persuna li tkun diġà bbenefikat taħt xi skema oħra għal titjib fid-dar ta' persuni b'diżabilità maħruġa mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali u/jew l-Awtorità tad-Djar jew persuna li tixtieq terġa' tapplika aktar minn darba taħt din l-iskema tista' tagħmel dan, basta:

- ix-xogħlijiet li għalihom tintalab l-għajnuna taħt din l-iskema ma jkunux l-istess xogħlijiet li għalihom tkun ingħatat għajnuna taħt kull skema oħra għall-persuni b'diżabilità li permezz tagħha l-applikant ikun ibbenefika minnha;
- l-ammont totali tal-għotja meħuda taħt kull skema oħra għall-persuni b'diżabilità li permezz tagħha l-applikant ikun ibbenefika minnha flimkien mal-ammont tal-għotja li jikkwalifikaw għaliha taħt din l-iskema ma jaqbżux l-ammont kif jidher aktar 'il fuq.



### 1.2 Stallazzjoni ta' Lifts f'Bini Eżistenti tal-Gvern

L-Awtorità tad-Djar għandha skema li permezz tagħha persuni b'diżabilità li jgħixu f'bini eżistenti tal-Gvern jitolbu lill-Awtorità biex din tistalla lift fil-bini tagħhom.

### 1.3 Allokazzjoni ta' Appartamenti u Maisonettes Ġodda

F'kull skema għal allokazzjoni ta' postijiet ġodda, l-Awtorità tad-Djar tirriserva madwar 10% tal-postijiet għall-applikanti li huma, jew xi membri minn tal-familja tal-applikanti, ikollhom xi diżabilità. Applikanti li jiġu allokati post taħt din l-iskema jistgħu japplikaw għall-għotja sa massimu ta' €1,863.50 biex jirrendu l-post adekwat għad-diżabilità tagħhom.

### 1.4 Sussidju fuq Kera

Persuni b'diżabilità li jikkwalifikaw għas-sussidju fuq il-kera mill-Awtorità tad-Djar jiġu eżentati milli jagħmlu l-eżami tal-mezzi u jingħataw sussidju addizzjonali ta' €116.47 fis-sena.

### 1.5 Għotja biex Tirranġa d-Dar Tiegħek

L-Awtorità tad-Djar toffri għajnuna finanzjarja fuq xogħlijiet ta' titjib fid-djar (Skemi W, Z u 5) li huma propjetà tal-Gvern, propjetà tal-privat, jew mikrija mill-privat. Jekk l-applikant ikun persuna b'diżabilità, l-Awtorità ma tieħux konsiderazzjoni tad-dħul li jkun ġej mill-penzjoni tal-persuni b'diżabilità.

### 1.6 Xiri ta’ Postijiet mill-Privat

L-Awtorità għandha diversi skemi marbutin max-xiri ta’ postijiet mill-privat li waħda mill-kundizzjonijiet tagħhom hija l-età. Meta l-applikant ikun persuna b’diżabilità, l-Awtorità ma tapplikax il-kundizzjoni marbuta mal-età, basta l-applikant ikollu aktar minn 18-il sena.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jinkisbu mingħand
**L-Awtorità tad-Djar**
**12, Triq Pietro Floriani, Floriana**
**Tel: 2124 8260-5 jew freephone 8007 2232**
**Emejl: customer.care@ha.gov.mt**

jew mingħand
**Il-Fergħa ta’ Għawdex**
**L-Awtorità tad-Djar**
**25, Triq Enrico Mizzi, Victoria, Għawdex**
**Tel: 2155 8499, 2156 3044**



# 7 Servizzi Residenzjali

## 1. Aġenzija Sapport

L-Aġenzija Sapport twaqqfet mill-Ministeru għall-Politika Soċjali fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali bil-għan li tipprovdi servizzi fil-komunità, residenzjali u professjonali lill-persuni b’diżabilità u l-familji tagħhom.

Is-Servizzi fil-komunità jaqdu l-bżonnijiet ta’ persuni b’diżabilità u l-familji tagħhom billi l-Aġenzija tipprovdi sapport kif meħtieġ bil-għan li titjieb il-kwalità tal-ħajja tagħhom u fl-istess ħin telimina r-riskju li l-persuna b’diżabilità jkollha bżonn tidħol f’istituzzjoni.

Meta l-persuna b’diżabilità, għal diversi raġunijiet, ma tkunx tista’ tibqa’ tgħix fil-komunità, l-Aġenzija Sapport tipprovdi servizz residenzjali f’waħda mid-djar tagħha. Fil-preżent l-Aġenzija għandha djar fil-komunitajiet tal-

- Fgura,
- Ħal Kirkop,
- l-Imtarfa,
- il-kumpless residenzjali Vajrità f’Marsaskala.

L-Aġenzija tamministra wkoll żewġ ftehim finanzjarji tal-Ministeru għall-Politika Soċjali

- mal-Fondazzjoni Arka biex din tipprovdi servizzi residenzjali għall-persuni b’diżabilità f’Għajsielem, Għawdex, u

- mal-Kurja ta' Malta biex din tipprovdi servizzi residenzjali għall-persuni b'diżabilità ġewwa Dar Pirotta, Birkirkara.

L-Aġenzija hija kommessa li tfittex li tkabbar ir-riżorsi tagħha biex toffri s-servizzi fil-komunità u residenzjali ħalli tkun tista' taqdi d-domanda li għandha kemm mill-komunità kif ukoll biex terġa' tinkludi fis-soċjetà persuni li minħabba nuqqas ta' opportunitajiet oħra jkunu qed jgħixu f'xi istituzzjoni.

Is-servizzi tal-Aġenzija huma kkumplimentati minn servizzi professjonali, fosthom dak ta' social workers li bħala waħda mill-ħidmiet tagħhom jilqgħu d-domanda għas-servizzi tal-Aġenzija kif ukoll jappoġġjaw persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom fil-ħtiġijiet kollha tagħhom konnessi mad-diżabilità tal-membru fil-familja.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**L-Aġenzija Sapport**
**Uffiċċju Ċentrali**
**Blk A, Town Centre, Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa**
**Tel: 2125 1862, 2145 1868**
**Emejl: sapport@gov.mt**

Aktar tagħrif dwar is-servizzi ta' Social Work jista' jinkiseb mingħand

**L-Aġenzija Sapport**
**Servizzi ta' Social Work**
**Ċentru Ħidma Soċjali, Istituto Vincenzo Bugeia, Triq San Ġużepp, Santa Venera**
**Tel: 2144 2121, 2144 1273, 2744 2121, 2744 1273, 7944 2121**
**Emejl: sws.sapport@gov.mt**



## 2. Id-Dar tal-Providenza

Id-Dar tal-Providenza, fis-Siġġiewi, toffri residenza f'ambjent jixbaħ lil ta' familja lil persuni b'diżabilità li għal xi raġuni jew oħra mhux possibbli għalihom li jibqgħu jgħixu mal-familja naturali tagħhom. Id-Dar toffri wkoll servizz ta' respite lill-persuni b'diżabilità u lill-familjari tagħhom.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Id-Dar tal-Providenza**
**Triq Lapsi, Siġġiewi**
**Tel: 2146 2844**
**Fax: 2146 7925**
**Emejl: info@dar-tal-providenza.org**
**Websajt: www.dar-tal-providenza.org**

## 3. Fondazzjoni Wens

Il-Fondazzjoni Wens toffri diversi servizzi, kemm residenzjali kif ukoll fil-kamp tax-xogħol. Dar il-Wens hi dar residenzjali fil-komunità għal numru żgħir ta' persuni b'diżabilità. Din id-dar toffri residenza permanenti, servizzi residenzjali għal ftit taż-żmien, u tagħlim bażiku biex ir-residenti jkunu jistgħu jgħixu fid-dar tagħhom. Il-Fondazzjoni Wens għandha wkoll dar żgħira li fiha jgħixu tliet persuni b'diżabilità bis-sapport li huma għandhom bżonn biex ikunu jistgħu jgħixu ħajja aktar indipendenti fid-dar tagħhom stess. Il-Fondazzjoni toffri taħriġ lil persuni b'diżabilità li juru interess li jagħmlu xogħol f'fabbrika lokali.

Dawn is-servizzi jingħataw permezz ta' għajnuna finanzjarja mill-Gvern li tkopri parti sostanzjali mill-ispejjeż.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**Il-Fondazzjoni Wens**
**Triq ix-Xatt, Kalkara**
**Tel/Fax: 2169 6825**
**Mobajl: 7953 7002**
**Emajl: ilwens@waldonet.net.mt**

## 4. Fondazzjoni Nazareth

Il-Fondazzjoni Nazareth toffri residenza permanenti fi tlett idjar fi ħdan il-komunità taż-Żejtun lil persuni b'diżabilità li ma għandhomx familja jew li ma jistgħux jgħixu fil-familja tagħhom għal xi raġuni jew oħra. It-tlett idjar huma: Dar Nazareth, Dar l-Arċipriet Degabriele, u Dar Jean Vanier.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**Il-Fondazzjoni Nazareth**
**102, Dar Nazareth**
**Triq Santu Wistin, Żejtun**
**Tel: 2169 4874**
**Fax: 2166 3366**
**Emejl: azahra@maltanet.net**

## 5. Richmond Fellowship

Ir-Richmond Fellowship of Malta toffri servizzi residenzjali, primarjament f'Villa Chelsea, lil persuni li għandhom nuqqas ta' saħħa mentali biex tgħinhom jidħlu lura fil-komunità. Skemi oħra offruti minn din il-Fondazzjoni huma dawk ta' akkomodazzjoni bis-sapport u programm



ta' integrazzjoni fid-dinja tax-xogħol għal persuni b'diżabilità, u servizz ta' counselling lill-impjegati ta' organizzazzjonijiet bħala mezz ta' prevenzjoni.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**The Richmond Fellowship of Malta Foundation**
**Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera**
**Tel: 2148 2336**
**Fax: 2122 4580**
**Emejl: info@richmond.org.mt**
**Websajt: www.richmond.org.mt**

## 6 Servizzi Residenzjali Governattivi

Il-Ministeru ta' Għawdex, id-Diviżjoni tas-Saħħa u d-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità jipprovdu servizzi residenzjali għal persuni li għandhom diżabilità u li għandhom bżonn dan is-servizz fid-diversi sptarijiet, residenzi u djar tal-Gvern.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**Il-Ministeru għal Għawdex**
**Pjazza San Franġisk, Victoria, Għawdex**
**Tel: 2156 1482**

**Id-Diviżjoni tas-Saħħa**
**Triq il-Merkanti, Valletta**
**Tel: 2122 4071**

**Id-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità**
**3, Triq Żekka, Valletta**
**Tel 2557 5200**

# 8

# Trasport

## 1. Trasport Individwalizzat

Il-Fondazzjoni Servizzi ta' Respite Care tipprovdi servizz ta' trasport lil persuni b'diżabilità li ma jistgħux jużaw it-trasport pubbliku. Dan is-servizz jingħata primarjament għal skopijiet ta' edukazzjoni u xogħol. Dan is-servizz jingħata permezz ta' għajnuna finanzjarja mill-Gvern li tkopri parti sostanzjali mill-ispejjeż.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Il-Fondazzjoni Servizzi ta' Respite Care**
**Dar il-Kaptan**
**Triq Rotary, Mtarfa**
**Tel: 2145 0103, 2145 0104**
**Fax: 2145 0413**
**Emejl: rcsmalta@waldonet.net.mt**
**Websajt: www.darilkaptan.org**



## 2. Permess biex Tipparkja f'Postijiet Riservati (Blue Sticker)

Il-benefiċċju tal-Blue Sticker jingħata mill-Kummissarju tal-Pulizija fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità lil dawk il-persuni b'nuqqas serju ta' mobilità permanenti. Persuni li għandhom nuqqas serju ta' mobilità temporanju jistgħu jingħataw dan l-iSticker għal żmien definit jekk in-nuqqas ta' mobilità tkun se ddum għal aktar minn sena.

Applikanti għal dan l-iSticker ikunu mitluba jattendu għal vista minn professjonist/a tal-Kummissjoni li jivverifika jekk il-persuna tikkwalifikax jew le. Persuni li japplikaw l-ewwel darba għal Blue Sticker qed jiġu mitluba biex jattendu għall-vista tal-professjonist/a tal-KNPD darba biss jekk il-Blue Sticker tinħareġ b'mod permanenti. Fil-każ li l-iSticker tinħareġ għal żmien temporanju, l-applikant irid jerġa' jidher quddiem il-professjonist/a tal-KNPD. Applikanti li jkunu jridu jġeddu l-Blue Sticker tagħhom u qatt ma jkun rahom il-professjonist/a tal-KNPD, ikunu mitluba li, għall-ewwel darba biss, jarahom il-professjonist/a tal-KNPD. F'kull każ, l-applikant jrid iħallas darba waħda biss tariffa ta' €11.50.

Meta l-applikazzjoni għal Blue Sticker ma tiġix aċċettata, l-applikant jista' jappella quddiem Bord immexxi mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-appell irid jintbagħat lis-Segretarja tal-Bord tal-Appelli tal-Blue Sticker, fl-indirizz ta' hawn isfel.

Persuni li għandhom din l-iSticker huma primarjament intitolati biex ikunu jistgħu jipparkjaw il-vettura li biha jkunu qed jivjaġġaw f'postijiet pubbliċi li huma riservati għal persuni b'diżabilità. Meta jsir dan, il-persuna b'diżabilità trid tpoġġi l-Blue Sticker tagħha mal-ħġieġa ta' quddiem tal-karozza, b'mod li tidher.

Peress li din l-iSticker issa hi l-istess għall-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea, il-Blue Sticker tista' tintuża f'dawn il-pajjiżi u viċe-versa. Jiġifieri Blue Stickers ta' persuni b'diżabilità mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea jistgħu jintużaw f'Malta waqt li persuni Maltin jistgħu jużaw il-Blue Sticker fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni ġabret lista tal-postijiet riservati għall-persuni b'diżabilità li m'humiex quddiem residenzi ta' persuni b'diżabilità. Din il-lista tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-KNPD jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

Hu importanti li meta l-persuna li fuqha nħareġ dan id-dokument tiġi nieqsa, il-familjari jirritornaw l-iSticker minnufih lill-Kummissjoni. Jekk dan ma jseħħx, wara żewġ avviżi, il-Kummissjoni titlob lill-Kummissarju tal-Pulizija biex uffiċjal tiegħu jiġbor dan id-dokument.

Il-Blue Sticker normalment toħroġ għal ħames snin u hu importanti li tiġġedded għax Stickers skaduti huma invalidi. Hu importanti wkoll li l-informazzjoni kollha li hemm fuq il-Blue Sticker tkun tinqara. Fil-każ li l-kitba titħassar qabel id-data li fiha trid tiġġedded, il-persuna b'diżabilità għandha titlob lill-Kummissjoni biex din l-iSticker tinbidel.

Jekk persuna titlef dan id-dokument uffiċjali, trid tikteb lill-Kummissjoni biex tkun tista' tinħarġilha Blue Sticker ġdida. Din id-dikjarazzjoni trid tkun b'ġurament, li jista' jingħata wkoll minn uffiċjali tal-Kummissjoni stess.

Applikazzjoni u aktar tagħrif jinkisbu mingħand
**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali**
**Istituto Vincenzo Bugeia, Santa Venera**
**Tel: 2148 7789**
**Textelefon: 2144 6536**
**Fax: 2148 4609**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**



## 3 Postijiet Riservati Quddiem ir-Residenza ta' Persuna b'Diżabilità

Il-benefiċċju tal-Postijiet Riservati (Reserved Parking) quddiem residenzi privati ta' persuni b'diżabilità jingħata mid-Direttorat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorità Dwar it-Trasport. Dan is-servizz jingħata quddiem ir-residenzi ta' persuni:

- li għandhom diżabilità fiżika u jużaw siġġu tar-roti;
- li għandhom nuqqas serju ta' mobilità (jew f'xi każi speċjali, lill-familjari ta' dawn il-persuni) skont kif jiġi deċiż minn Bord imwaqqaf għal dan il-għan mill-Awtorità Dwar it-Trasport, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità;
- li jkollhom karozza reġistrata fl-indirizz fejn ikun se jsir dan il-post riservat;
- li jkunu jgħixu fid-dar fejn ikun se jsir dan il-post riservat;
- ikollhom il-Karta tal-Identità Speċjali u l-Blue Sticker;
- ma jkollhomx garaxx mad-dar jew fil-viċinanza;
- il-bay ma tkunx ta' xkiel għall-moviment tat-traffiku.

L-Awtorità titlob ukoll il-parir tal-Kunsill Lokali konċernat qabel tagħti dan il-benefiċċju.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jinkisbu mingħand
**L-Awtorità Dwar it-Trasport (ADT)**
**Triq Aguis De Soldanis, Santa Venera**
**Tel: 2556 3410**
**Fax: 2556 3444**
**Emejl: tmd@maltatransportauthority.com**
**Websajt: www.maltatransportauthority.com**

## 4. Keep Clear Bays

Il-benefiċċju ta' Keep Clear Bays quddiem residenzi privati jingħata mid-Direttorat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorità Dwar it-Trasport lil persuni b'diżabilità b'dawn il-kundizzjonijiet:

- ikollhom diżabilità fiżika li jużaw siġġu tar-roti;
- ma jkollhomx karozza reġistrata fl-indirizz fejn ser isir dan il-post riservat;
- ikollhom il-Karta tal-Identità Speċjali u l-Blue Sticker;
- ma jkollhomx garaxx mad-dar;
- il-bay ma tkunx ta' xkiel għall-moviment tat-traffiku.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jinkisbu mingħand

**L-Awtorità Dwar it-Trasport (ADT)**
**Triq Aguis De Soldanis, Santa Venera**
**Tel: 2556 3410**
**Fax: 2556 3444**
**Emejl: tmd@maltatransportauthority.com**
**Websajt: www.maltatransportauthority.com**



## 5. Reviżjoni dwar Postijiet Riżervati u Keep Clear

Persuni b'diżabilità jew Kunsilli Lokali li ma jaqblux ma' xi deċiżjoni tal-Awtorità Dwar it-Trasport fuq dawn iż-żewġ servizzi jistgħu jiktbu lir-Review Panel imwaqqaf apposta għal dan il-għan biex hu jirrevedi l-każ u jagħti l-pariri tiegħu lill-Awtorità.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali**
**Istituto Vincenzo Bugeia Santa Venera**
**Tel: 2148 7789**
**Textelefon: 2144 6536**
**Fax: 2148 4609**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**

## 6. Eżenzjoni mill-Ħlas tar-Reġistrazzjoni fuq Karozzi

Il-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru tal-Finanzi biex persuni b'diżabilità jew familjari tagħhom ikunu jistgħu jiġu eżentati mill-ħlas tar-reġistrazzjoni, dazju jew VAT (jew parti minnhom) fuq karozzi li fuqhom ma jkunux għadhom tħallsu dawn it-taxxi. Dan il-benefiċċju jinqasam f'sitt kategoriji:

1) Persuni b'diżabilità, skont kif definit fil-Liġi tas-Sigurtà Soċjali tal-1987 u kif emendata, jew żwieġhom, jew marthom, jew il-ġenituri tagħhom, jew il-kuraturi tagħhom maħtura mill-Qorti, huma intitolati għall-eżenzjoni parzjali mit-taxxa tar-reġistrazzjoni sa massimu ta' €850 jekk huma jkollhom bżonn karozza standard.

Persuni b'diżabilità li għandhom aktar minn 65 sena jikkwalifikaw għal din il-parti tal-benefiċċju biss jekk:

- il-professjonist/a tal-KNPD jiċċertifika li għandhom diżabilità skont il-Liġi dwar is-Sigurtà Soċjali u jistgħu jsuqu karozza standard; jew
- jekk il-familjari jkollhom bżonn jixtru karozza li tista' ġġorr siġġu tar-roti, per eżempju station wagon.

Il-parti relevanti tal-Liġi tas-Sigurtà Soċjali tinsab f'Appendiċi A paġni 116 u 117 ta' dan il-ktejjeb.

2) Persuni b'diżabilità li l-professjonist/a tal-KNPD jiċċertifika lilhom li biex isuqu għandhom bżonn karozza awtomatika, huma intitolati għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni sa massimu ta' €1,200.

3) Persuni b'diżabilità li l-professjonist/a tal-KNPD jiċċertifika li biex isuqu għandhom bżonn karozza mhux awtomatika imma modifikata minħabba d-diżabilità tagħhom (per eżempju kontrolli li jitħaddmu bl-idejn, jew seat idur) huma intitolati għal:

- eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni sa massimu ta' €4,500;
- eżenzjoni mid-dazju sa massimu ta' €1,700;
- refund tal-VAT sa massimu ta' €1,700.

4) Persuni b'diżabilità li ma jistgħux isuqu u li l-professjonist/a tal-KNPD jiċċertifika li għandhom bżonn karozza mhux awtomatika imma modifikata minħabba d-diżabilità tagħhom (per eżempju seat idur) huma intitolati għal:

- eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni sa massimu ta' €850;
- eżenzjoni mid-dazju sa massimu ta' €1,700;
- refund tal-VAT sa massimu ta' €1,700.



5) Persuni b'diżabilità li l-professjonist/a tal-KNPD jiċċertifika li biex isuqu għandhom bżonn karozza awtomatika u modifikata minħabba d-diżabilità tagħhom (per eżempju kontrolli li jitħaddmu bl-idejn) huma intitolati għal:

- eżenzjoni tar-reġistrazzjoni sa massimu ta' €4,500;
- eżenzjoni mid-dazju sa massimu ta' €2,400;
- refund tal-VAT sa massimu ta' €2,400.

6) Persuni b'diżabilità jew persuni li għandhom żwieġhom, marthom jew ġenitur li jużaw siġġu tar-roti jew buggy u se jixtru vann bil-ħġieġ li jkun jista' jġorr persuna fis-siġġu tar-roti jew fil-buggy, huma intitolati għal:

- eżenzjoni tar-reġistrazzjoni sa massimu ta' €8,200;
- eżenzjoni mid-dazju sa massimu ta' €2,400;
- refund tal-VAT sa massimu ta' €2,400.

Dawk li jkollhom vetturi b'modifiki minħabba d-diżabilità tal-applikant kif rakkomandat mill-professjonist/a tal-KNPD iridu jiffirmaw dikjarazzjoni li fiha jintrabtu li jagħmlu dawk il-modifiki fi żmien sitt xhur.

Meta persuna tkun trid tibdel il-vettura tagħha li fuqha tkun ħadet eżenzjoni minħabba d-diżabilità, hi tista' terġa' tibbenefika minn dan il-benefiċċju fuq il-vettura l-ġdida wara li hi tkun marret id-Dipartiment tad-Dwana u ħallset id-dazju dovut fuq il-karozza l-antika.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jinkisbu mingħand

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali**
**Istituto Vincenzo Bugeia, Santa Venera**
**Tel: 2148 7789**
**Fax: 2148 4609**
**Textel: 2144 6536**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**

## 7. Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq

Il-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministeru tal-Finanzi biex persuni b'diżabilità jew il-familjari tagħhom jiġu eżentati parzjalment mill-ħlas tal-liċenzja tat-triq. Applikant jista' jibbenefika minn dan il-benefiċċju jekk jaqa' taħt xi waħda minn dawn it-tliet kategoriji:

- ikun persuna b'diżabilità skont il-Liġi tas-Sigurtà Soċjali tal-1987 kif emendata (ara lista li tinsab f'appendiċi A, paġni 116 u 117 ta' dan il-ktejjeb) u li jsuq hu stess il-vettura tiegħu;
- ikun persuna b'diżabilità skont il-Liġi tas-Sigurtà Soċjali tal-1987 kif emendata (ara lista li tinsab f'appendiċi A, paġni 116 u 117ta' dan il-ktejjeb) u li jkollu karozza reġistrata f'ismu mad-Dipartiment tal-Liċenzji;
- ikun persuna li jkollu vann bil-ħġieġ li jista' jġorr persuna fis-siġġu tar-roti jew fil-buggy.

Din l-eżenzjoni dwar il-Liċenzja tat-Triq:

- tingħata kompletament b'xejn għall-ewwel ħames snin mid-data tal-manifattura tal-karozza;
- mis-sitt sena titħallas biss nofs il-liċenzja dovuta;
- ma tingħatax f'każ ta' applikazzjonijiet li jsiru wara l-1 ta' Jannar 2009 għall-vetturi petrol li għandhom aktar minn 180g/km $C0_2$ emissjonijiet u vetturi diesel li għandhom aktar minn 150g/km $C0_2$ emissjonijiet.

Barra minn hekk, b'mod awtomatiku, kull persuna li tibbenefika minn dan il-benefiċċju, jingħata ukoll kreditu ekwivalenti ta' €46.64 mill-ħlas  li jrid isir meta persuna tidħol il-Belt Valletta. Dan iffiser li persuna li tieħu dan il-benefiċċju ma tħallasx meta tidħol il-Belt Valletta sakemm il-ħlas dovut ma jaqbiż dan il-kreditu.



Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jinkisbu mingħand

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali**
**Istituto Vincenzo Bugeia, Santa Venera**
**Tel: 2148 7789**
**Fax: 2148 4609**
**Textel: 2144 6536**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**

## 8. Liċenzja tas-Sewqan għall-Persuni Neqsin mis-Smigħ

L-Għaqda tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ, bis-sapport tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, ippubblikat il-Ktieb dwar il-Kodiċi tat-Traffiku (li fuqu jsir l-eżami teoretiku għal-liċenzja tas-sewqan) bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija fuq DVD. Kopja mingħajr ħlas tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni jew mill-Għaqda. Barra minn hekk saru arranġamenti mal-Awtorità dwar it-Trasport biex fl-eżami tat-teorija, il-persuna nieqsa mis-smigħ tista' tkun akkumpanjata minn interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali, Istituto Vincenzo Bugeia**
**Santa Venera**
**Tel: 2148 7789**
**Fax: 2148 4609**
**Textel: 2144 6536**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**

9

## Servizzi Oħra fil-Komunità

### 1. Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità)

Il-Gvern Malti fil-bidu tas-sena 2000 għadda l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) li għandha l-għan li:

- telimina d-diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità minħabba d-diżabilità tagħhom;
- twaqqaf legalment il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità;
- tinkariga lill-Kummissjoni biex fost ħidma oħra, tinvestiga l-ilmenti u tieħu passi, jekk hemm bżonn anke fil-Qorti, biex id-diskriminazzjoni tieqaf.

Il-Liġi tiddikjara li ma tistax issir diskriminazzjoni f'dawn l-oqsma:

- L-Impjiegi
- L-Edukazzjoni
- Id-Dħul (l-Aċċess)
- L-Għoti ta' Oġġetti, Faċilitajiet jew Servizzi
- L-Akkomodazzjoni (id-Djar)
- L-Assigurazzjoni

Il-Kummissjoni tipprovdi pariri, informazzjoni u għajnuna biex persuni b'diżabilità jagħmlu l-aħjar użu minn din il-liġi. Persuni b'diżabilità li jħossu li tkun saret diskriminazzjoni kontrihom jistgħu:



- l-ewwel jiċċekkjaw jekk hemmx diskriminazzjoni skont il-Liġi u f'każ ta' dubju jistaqsu lill-Kummissjoni;
- jippruvaw ikellmu lil min jaħsbu li qed jiddiskrimina kontrihom biex bil-kelma t-tajba jirranġaw;
- jekk tibqa' ma tinstabx soluzzjoni, jiktbulu, u jekk jixtiequ, jikkuppjaw l-ittra tal-ilment lill-KNPD. Il-KNPD għandha kampjun ta' din l-ittra biex tgħin lil persuna b'diżabilità konċernata;
- Jekk xorta ma tinstabx soluzzjoni, il-persuna b'diżabilità għandha tressaq l-ilment tagħha lill-Kummissjoni fuq formola li tista' tinkiseb mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tinvestiga kull ilment u tipprova ssib soluzzjoni għalih. Jekk ma tinstabx soluzzjoni, il-każ jitressaq quddiem l-Arbitraġġ jew il-Qorti. Madankollu, entità li tkun qed tiddiskrimina minħabba diżabilità  tista' tiġi eżentata, għal xi perjodu ta' żmien jew għal dejjem, milli tagħmel it-tibdil meħtieġ biex tieqaf din id-diskriminazzjoni, jekk hi ġġib provi sodisfaċenti li ma jkunx raġonevoli li jsir dan it-tibdil.

Il-Kummissjoni tipprovdi wkoll informazzjoni u pariri lil dawk l-entitajiet li jħaddmu n-nies jew li jipprovdu xi servizzi dwar kif jistgħu jkunu konformi ma' din il-Liġi.

Persuni li jixtiequ jressqu lmenti dwar diskriminazzjoni minħabba d-diżabilità tagħhom jew jixtiequ aktar tagħrif, għandhom jikkuntattjaw

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali**
**Istituto Vincenzo Bugeia, Santa Venera**
**Tel: 2148 7789**
**Fax: 2148 4609**
**Textel: 2144 6536**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**

## 2. L-Aċċess Fiżiku

Mill-ewwel tas-sena 2000 postijiet ġodda miftuħin għall-pubbliku, biex jingħataw il-permess tal-bini mill-Awtorità Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), irid ikollhom ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità li dawn huma aċċessibbli għal kulħadd. Għaldaqstant il-pjanti għal dan l-iżvilupp jiġu vvettjati mill-Kummissjoni, biex jiġi assigurat li dawn huma aċċessibbli għal kulħadd. Eventwalment, il-MEPA tista' wkoll titlob il-parir tal-Kummissjoni biex jinħareġ il-Compliance Certificate.

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel dan, hi ppubblikat il-ktieb "Access for All - Design Guidelines (2005)" li fih il-linji gwida dwar kif bini jista' jkun aċċessibbli għal kulħadd. Din il-pubblikazzjoni tista' tinkiseb minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org

Dawk kollha li ma jkunux jistgħu jsegwu dawn il-linji gwida minħabba raġunijiet tekniċi jew finanzjarji raġonevoli, kif titlob il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, jistgħu jitolbu eżenzjoni mingħand il-Bord dwar X'Inhu Raġonevoli, imwaqqaf għal dan il-għan mill-Kummissjoni.

L-iżviluppaturi, f'kull stadju tal-applikazzjoni, jistgħu jitolbu konsulenza minn periti li għandhom esperjenza fil-qasam tal-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità. L-applikanti jistgħu jagħmlu kuntatt dirett ma' xi wieħed minn dawn il-periti. Lista ta' dawn il-periti tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali**
**Istituto Vincenzo Bugeia, Santa Venera**
**Tel: 2148 7789**
**Fax: 2148 4609**
**Textel: 2144 6536**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**



## 3. Il-Moviment Hospice

Il-Moviment Hospice joffri servizz paljattiv lill-persuni u l-familji tagħhom, li għandhom il-kanċer, mard neuro muskolari jew mard ieħor terminali.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Il-Malta Hospice Movement**
**39, Vjal ir-Ragħaj it-Tajjeb, Balzan**
**Tel: 2144 0085**
**Fax: 2148 4769**
**Emej: hospice@onvol.net**
**Websajt: www.hospicemalta.org**

## 4. Dar il-Kaptan

Dar il-Kaptan fl-Imtarfa, li titmexxa mill-Foundation for Respite Care Services, hija dar li toffri servizzi ta' respite (mistrieħ) għal persuni b'diżabilità. L-għan tal-Fondazzjoni hu li taqsam ir-responsabilità mal-familji li jieħdu ħsieb xi membri tal-familja tagħhom li jkollhom diżabilità, biex b'hekk dawn jibqgħu fi ħdan l-istess familja. Is-servizzi li toffri l-Fondazzjoni huma:

- servizzi residenzjali biex il-persuna b'diżabilità tiġi f'Dar il-Kaptan għal xi ftit ġranet, ġimgħa jew aktar; u
- servizz ta' matul il-jum (Day Programme).

Dawn is-servizzi jingħataw permezz ta' għajnuna finanzjarja mill-Gvern li tkopri parti sostanzjali mill-ispejjeż.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Il-Fondazzjoni Servizzi ta' Respite Care**
**Dar il-Kaptan, Triq Rotary, Mtarfa**
**Tel: 2145 0103, 2145 0104**
**Fax: 2145 0413**
**Emejl: rcsmalta@waldonet.net.mt**
**Websajt: www.darilkaptan.org**

## 5. Il-Fondazzjoni Arka

Il-Fondazzjoni Arka tipprovdi lill-persuni b'diżabilità residenza temporanja jew permanenti, flimkien ma' programmi ta' matul il-jum jew matul il-lejl. Is-servizzi residenzjali fit-tul huma parzjalment iffinanzjati mill-Gvern.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Il-Fondazzjoni Arka**
**Dar Arka, Triq il-Mogħdija, Għajnsielem, Għawdex**
**Tel: 2156 5773, 2155 0596**
**Fax: 2156 5774**
**Emejl: arka@maltanet.net**
**Websajt: www.arkafoundation.org**

## 6. Servizz ta' Interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija

L-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ toffri servizz ta' interpretazzjoni mil-Lingwa tas-Sinjali Maltija għal-lingwa mitkellma bil-Malti jew bl-Ingliż, u bil-maqlub, jiġifieri mil-Lingwa mitkellma bil-Malti



jew bl-Ingliż għal-Lingwa tas-Sinjali Maltija lil dawk kollha li jitolbu dan is-servizz.

Dan is-servizz jingħata permezz ta' għajnuna finanzjarja mill-Gvern li tkopri parti sostanzjali mill-ispejjeż.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**L-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ**
**45 Xatt Lascaris, Valletta**
**Mobajl: 9938 1234**
**Textelefon: 2124 5823**
**Fax: 2124 5023**
**Emejl: sign.interpreting@gmail.com**
**Websajt: www.deafmalta.com**

## 7. Għajnuna fid-Djar (Home Help/Care Service)

Id-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità joffri lill-persuni anzjani u persuni b'diżabilità li jkollhom il-Karta tal-Identità Speċjali maħruġa mill-KNPD, servizz ta' għajnuna fid-dar. Dan hu servizz li jikkumplimenta l-għajnuna familjari. L-għan ta' dan is-servizz hu li persuni anzjani u persuni b'diżabilità jibqgħu jgħixu fil-komunità u jtejbu l-kwalità ta' ħajjithom skont il-ħtiġijiet tagħhom. Kull applikant għal dan is-servizz issirlu viżita mis-social worker, u wara, il-Bord tal-Allokazzjoni jikkunsidra dawn l-applikazzjonijiet. Jekk it-talba tkun approvata, il-Bord jalloka numru ta' sigħat fil-ġimgħa skont il-bżonnijiet tal-applikant.

L-għajnuna tikkonsisti billi assistenti soċjali każwali:

- jiġu jaraw u jitkellmu mal-benefiċarji, u jieħdu ħsiebhom f'għajnuna personali li mhix medika;
- jgħinu biex benefiċarji jieħdu ħsieb tagħhom infushom;
- jgħinu benefiċarji biex ikunu jistgħu joħorġu mid-dar;
- jixtru u jagħmlu qadjiet;

- jagħmlu tindif ħafif fid-dar skont linji gwida meta l-benefiċarji ma jistgħux jagħmlu dan;
- jistgħu jgħinu fil-preparazzjoni tal-ikla ta' nofsinhar;
- joffru respite lill-familjari tal-benefiċarji.

Il-ħlas għal dan is-servizz hu ta' €2.33 fil-ġimgħa għal persuna waħedha u €3.49 għal koppja. Jekk l-assistenta ssajjar għal persuna waħedha, il-ħlas aktar hu ta' €1.16 fil-ġimgħa u għal koppja, il-ħlas aktar hu ta' €1.75 fil-ġimgħa.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jinkisbu mingħand

**Iċ-Ċentru Servizz tal-Anzjani**
**3, Triq Żekka, Valletta**
**Tel: 2557 5104 jew 2557 5000**

jew

**Taqsima Għajnuna fid-Dar**
**Ċentru Ħidma Soċjali,**
**Istituto Vincenzo Bugeia,**
**Santa Venera**
**Tel: 2149 8541**

## 8. Servizz dwar l-Inkontinenza

Id-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità joffri servizz lil persuni li huma inkontinenti. Dan is-servizz jinqasam f'żewġ skemi:

Skema A hi għal persuni b'diżabilità li għandhom il-Karta tal-identità Speċjali u huma inkontinenti. Dawn jingħataw kupun kull xahar li jissarraf għand l-aġent f'għadd ta' ħrieqi jew pads li jintremew mingħajr l-ebda ħlas.

Skema B hi għal persuni inkontinenti ta' 'l fuq minn 60 sena u ma



għandhomx il-Karta tal-Identità Speċjali. Dawn jistgħu jixtru kull xahar, bi prezz issussidjat, għadd ta' ħrieqi li jintremew.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jinkisbu mingħand

**Is-Servizz tal-Inkontinenza**
**Ċentru Servizz tal-Anzjani**
**3, Triq Żekka, Valletta**
**Tel: 2557 5104 jew 2557 5000**

## 9. Servizz tat-Telecare

Id-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità joffri lil persuni anzjani, persuni b'diżabilità u individwi oħra fil-bżonn, l-aktar dawk li jgħixu waħedhom, servizz ta' emerġenza 24 siegħa kuljum. Dan isir permezz ta' telefon speċjali magħruf bħala Telecare. Biex tkun tista' tuża dan is-servizz irid ikollok linja tat-telefon.

Il-ħlas għal dan is-servizz hu ta' bejn €2.33 u €3.10 + VAT fix-xahar u jrid isir lill-Kumpanija Go. Persuni ta' 'l fuq minn 60 sena li jgħixu waħedhom, jiġifieri m'għandhomx persuni taħt is-60 sena jgħixu magħhom, u li għandhom il-karta r-roża maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ma jħallsux din it-tariffa.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mingħand

**Iċ-Ċentru tat-Telecare**
**L-Istitut Vincenzo Bugeia**
**Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara**
**Tel: 2148 3600, 2148 4601, 2557 5102**
**Fax: 2149 0272**

## 10. Servizz ta' Handyman

Id-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità joffri servizz ta' handyman biex isir xogħol u tiswija ħafifa fid-djar ta' persuni anzjani u persuni b'diżabilità.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jinkisbu mingħand
**Iċ-Ċentru tal-Handyman**
**Ċentru Ħidma Soċjali**
**Istituto Vincenzo Bugeia, Santa Venera**
**Tel: 2124 2725, 2124 2726, 2557 5000**

## 11. Servizz ta' Ners fil-Komunità

Id-Diviżjoni tas-Saħħa tipprovdi servizz ta' ners fil-komunità permezz tal-MMDNA lil kull min għandu bżonn, inkluż persuni b'diżabilità.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**L-MMDNA**
**Ingham House, 91/93 Triq ir-Russett, San Ġwann**
**Tel: 2138 7526**
**Fax: 2138 5857**
**Emejl: mmdna@maltanet.net**
jew
**Iċ-Ċentru tas-Saħħa, Floriana**
**Tel: 2124 3314, 2557 6543**

## 12. Self b'Imgħax Imnaqqas

L-HSBC joffri lill-persuni b'diżabilità self sa massimu ta' €12,000 b'imgħax imnaqqas. Is-self isir biex ikun jista' jinxtara apparat speċjali li jkun ta' bżonn għal persuna b'diżabilità biex issib xogħol jew biex ittejjeb il-kwalità tal-ħajja. L-iskema hi miftuħa wkoll għal persuni b'diżabilità li jkunu dipendenti ta' klijent tal-HSBC, per eżempju mara jew tfal. Ir-rata tal-interessi tkun ½% anqas mill-base rate tal-bank.



## 13. Meals on Wheels

Il-Maltese Cross Corps, soċjetà volontarja ssussidjata mill-Ministeru għall-Politika Soċjali, toffri s-servizz Meals on Wheels li permezz tiegħu jitwassal ikel sħun fid-djar ta' persuni anzjani, persuni b'diżabilità, u dawk li ma jistgħux isajru. Il-prezz ta' dan l-ikel huwa €2.213.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**Il-Maltese Cross Corps**
**17 Sidonia Flats/8, Triq Santa Monika**
**Gwardamanġa**
**Tel: 2123 0181, 2557 5000**
**Fax: 2124 7816**
**Emejl: maltesecrosscorps@ifnetworks.net**

## 14. Il-Fondazzjoni Equal Partners

Il-Fondazzjoni Equal Partners hija fondazzjoni mwaqqfa u mmexxija mill-ġenituri ta' persuni b'diżabilità u professjonisti u taħdem mingħajr għan ta' qligħ. Il-Fondazzjoni tfittex li taħdem f'kollaborazzjoni sħiħa ma' persuni b'diżabilità u/jew xi diffikultajiet fit-tagħlim, mal-familji tagħhom u mal-komunità biex tippromwovi u tiffaċilita għażliet personali u skop xieraq fil-ħajja. Il-Fondazzjoni toffri programmi individuali ta' sapport fil-komunità sabiex il-persuna tibqa' fl-ambjent naturali tagħha. Is-servizz jingħata fid-dar, fl-iskola, fuq il-post tax-xogħol, f'postijiet ta' divertiment, u kull fejn ikun hemm bżonn.

Is-servizzi li joffru l-Equal Partners jinkludu:

- Konsultazzjoni psikoloġika u edukattiva
- Assessjar psiko-edukattiv
- Intervent bikri - għajnuna bikrija għat-trabi u tfal żgħar
- Programm edukattiv individwali għal kull persuna
- Għajnuna ta' home educator fid-dar
- Laqgħat fl-iskola ma' senior educators
- Ċentru ta' riżorsi
- Taħriġ ta' edukaturi mill-professjonisti
- Stepping Out Programme għaż-żgħażagħ u adulti.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-
**Fondazzjoni Equal Partners**
**7, Triq is-Suq, Floriana**
**Tel: 2125 0400**
**Fax: 2125 0397**
**Emejl: info@equalpartners.org.mt**
**Website: http://equalpartnersmalta.org**
**Numru tal-Kummissarju tal-Volontarjat: VO/0044**

## 15. Muscular Dystrophy Group

Il-Muscular Dystrophy Group tipprovdi servizz ta' fiżjoterapista fid-djar tal-membri tagħha. Dan is-servizz jingħata bl-għajnuna finanzjarja tal-Gvern.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**Il-Muscular Dystrophy Group**
**4, Triq il-Gżira, Gżira**
**Tel: 2134 6688**
**Fax: 2131 8024**
**Emejl: mdg@mdgmalta.com, mdgmalta@onvol.net**
**Websajt: www.mdgmalta.com**



# 10

# Karta tal-Identità Speċjali

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità toħroġ Karta tal-Identità Speċjali bil-għan li persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jieħdu sehem sħiħ fis-soċjetà Maltija. Permezz ta' din il-Karta tal-Identità, persuna tista' tapplika għal numru ta' servizzi miftuħa għal persuni b'diżabilità.

Din il-Karta tingħata lil:

- persuni b'diżabilità skont il-Liġi dwar is-Sigurtà Soċjali, 1987 kif emendata (ara Appendiċi A, paġni 116 u 117 ta' dan il-ktejjeb);
- persuni li għandhom nuqqas ta' smigħ permanenti għall-grad ta' mhux anqas minn 70 decibel jew li jużaw hearing aid b'mod regolari;
- persuni li għandhom paraliżi totali permanenti jew malfunzjoni gravi totali permanenti ta' id jew riġel wieħed;
- persuni li għandhom mard psikoloġiku sever li jikkawża diżabilità.

Persuni li japplikaw għal din il-Karta tal-Identità jitpoġġew fir-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilità. Dawn il-persuni, sakemm ma jkunux jixtiequ mod ieħor, jinżammu infurmati bil-ħidma tal-Kummissjoni permezz tan-newsetter INDAQS, li l-Kummissjoni tippubblika darbtejn fis-sena, u permezz ta' informazzjoni oħra li l-Kummissjoni tibgħat minn żmien għal żmien.

**Benefiċċji għall-Persuni li Għandhom din il-Karta**

Persuna li jkollha l-Karta tal-Identità Speċjali hi intitolata għal dawn il-benefiċċji:

- Servizz ta' trasport mingħajr ħlas lejn l-isptarijiet tal-Gvern u lura (bl-appuntament);
- Servizz b'xejn tal-Gozo Channel għal persuna b'diżabilità
- Prijorità fis-servizz mogħti minn:
  - APS Bank
  - Bank Ċentrali ta' Malta
  - Bank of Valletta (permezz tal-Customer Relations Officer)
  - Ċentri tas-Saħħa (Diviżjoni tas-Saħħa) (permezz tal-uffiċjal inkarigat)
  - Dipartiment tal-Kummerċ
  - Drug Control Section (Diviżjoni tas-Saħħa) (permezz tal-uffiċjal inkarigat)
  - HSBC (Malta) (permezz tal-uffiċjal inkarigat)
  - Farmaċija tal-Isptar Mater Dei (permezz tal-uffiċjal inkarigat)
  - GO
  - Maltapost
  - Out patients fl-Isptar Sir Paul Boffa (permezz tal-uffiċjal inkarigat)
  - Out patients fl-Isptar Mater Dei (permezz tal-uffiċjal inkarigat)
  - Postijiet tal-Votazzjoni waqt l-Elezzjonijiet
  - Reġistru Pubbliku u Nutar tal-Gvern, Għawdex
  - Sptar Ċentrali ta' Għawdex
  - Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern
  - Uffiċċju tat-Taxxi Interni
  - Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali



- Entratura bla ħlas għall-attivitajiet ta':
  - l-Aquatic Sports Association
  - il-Korporazzjoni tal-Fieri
  - il-Malta Football Association (persuni li jużaw is-siġġu tar-roti biss)
  - il-Malta Basketball Association
  - il-Marsa Racing Club
- Prezz imnaqqas għall-attivitajiet ta':
  - it-Teatru Manoel
  - il-Malta Football Association
  - il-Kumpless Sportiv Tal-Qroqq

Hu importanti li meta l-persuna tiġi nieqsa, il-familjari jirritornaw dan id-dokument minnufih lill-Kummissjoni.

Il-Karta tal-Identità Speċjali normalment toħroġ għal għaxar snin fil-każ tal-adulti filwaqt li għat-tfal il-perjodu hu iqsar. Hu importanti li l-Karta tal-Identità Speċjali tiġġedded għax Karti skaduti huma invalidi.

Jekk persuna titlef dan id-dokument, hi trid timla dikjarazzjoni fuq formola maħruġa mill-Kummissjoni biex tkun tista' tinħarġilha Karta tal-Identità Speċjali ġdida.

Aktar tagħrif u applikazzjonijiet jinkisbu mingħand

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali, Istituto Vincenzo Bugeia,**
**Santa Venera**
**Tel: 2148 7789**
**Fax: 2148 4609**
**Textel: 2144 6536**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**

# 11

# Għajnuniet Speċjali għall-Persuni b'Diżabilità

## 1. Servizz Għajnuniet Speċjali

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità tipprovdi s-Servizz Għajnuniet Speċjali billi toffri lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom servizz ta' pariri u assistenza finanzjarja biex ikunu jistgħu jixtru apparat li jgħinhom jgħixu ħajja indipendenti.

Dan is-servizz:

- jiġbor informazzjoni dwar l-għajnuniet speċjali li jgħinu persuni b'diżabilità li jeżistu kemm fis-suq lokali kif ukoll f'dawk internazzjonali;
- jagħti assistenza finanzjarja lill-persuni b'diżabilità l-aktar meritevoli skont il-kriterji mfassla apposta għal dan il-għan, kif deċiż minn bord indipendenti. Fil-preżent jingħata nofs il-prezz tal-oġġett sa massimu ta' €1,800, li f'każijiet eċċezzjonali jista' jitla' sa €3,500;
- fuq ċerti oġġetti (per eżempju sodod li jitilgħu u jinżlu, scooters, u hoists) hemm massimu tal-għotja li tingħata u din tinbidel skont il-prezz fis-suq.



L-assistenza finanzjarja tingħata b'ċerti kundizzjonijiet, fosthom li:

- l-applikant irid ikun ċittadin Malti;
- l-applikant irid ikun irreġistrat mal-Kummissjoni, jiġifieri jkollu l-Karta tal-Identità Speċjali;
- l-apparat irid ikun inxtara wara li ssir l-applikazzjoni għal din l-assistenza. L-applikant jista' jixtri l-apparat malli s-Servizz javżah bil-miktub li jista' jagħmel dan mingħajr, imma, ma jkollu l-assigurazzjoni li l-għajnuna finanzjarja se tingħata;
- ma jkunx jista' jibbenefika minn xi skema oħra eżistenti;
- applikazzjonijiet għal apparat li jiswa anqas minn €230 ma jiġux ikkunsidrati u fejn jinħass il-bżonn, jiġu riferuti lilentitajiet oħra;
- applikazzjonijiet minn persuni li huma residenti fi djar jew sptarijiet tal-Gvern ma jiġux ikkunsidrati;
- kundizzjonijiet oħra li l-Kummissjoni tħoss li hu xieraq li tagħmel minn żmien għal żmien.

Applikazzjonijiet għal għajnuna finanzjarja li jkunu aċċettati mill-bord, imma li ma jkunux jistgħu jintlaqgħu minħabba li ma jkunx hemm fondi biżżejjed, jibqgħu fuq waiting list għal żmien sena.

Applikazzjonijiet u aktar informazzjoni
jistgħu jinkisbu mingħand

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali**
**Istituto Vincenzo Bugeia, Santa Venera**
**Tel: 2148 7789**
**Fax: 2148 4609**
**Textel: 2144 6536**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**

# 2. Kumpens fuq Xiri ta' Oġġetti ta' Persuni b'Diżabilità

## 2.1 Oġġetti għall-Użu Speċifiku ta' Persuni b'Diżabilità

Oġġetti impurtati u li huma mmanifatturati speċifikament għal persuni li għandhom xi diżabilità, jiġu eżentati mid-dazju meta dan hu dovut. Madankollu l-biċċa l-kbira ta' dawn l-oġġetti jkollhom VAT ta' 5%, waqt li xi ftit għandhom VAT ta' 18%.

Persuni b'diżabilità li jixtru dawn l-oġġetti jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni kumpens finanzjarju ekwivalenti għall-VAT imħallas. Dan isir billi tintwera l-irċevuta fiskali u, fejn ikun meħtieġ, il-letteratura dwar l-oġġett.

Oġġetti għall-persuni b'diżabilità li ma titħallas l-ebda VAT fuqhom huma:
- hearing aids
- krozzi (crutches)
- threewheel walkers
- tripods u quadrupods
- walking frames.

Oġġetti għall-persuni b'diżabilità li fuqhom titħallas 5% VAT u li jista' jintalab kumpens finanzjarju għalihom mingħand il-Kummissjoni huma:
- l-adattament tal-karozzi, inkluż kontrolli tal-idejn u seats li jduru
- amplifiers għal apparat komunikattiv għall-persuni neqsin mis-smigħ
- bath tub lifters
- braille typewriters
- bsaten bojod
- bsaten u ferrules
- buggies speċjali
- chairlifts



- gutter frames
- hoists
- lifts biex iddaħħal is-siġġu tar-roti fil-karozza
- mouthsticks
- platform stairlifts
- pressure relief cushions
- prone standers
- saqqijiet għal kontra l-feriti (pressure relief)
- sedili għoljin tat-tojlit
- sedili tat-tojlit li jintefħu (padded/inflatable)
- siġġijiet tar-roti manwali
- siġġijiet tar-roti tal-elettriku (powered)
- special feeder chairs
- swimming pool lifters
- toilet frames/surrounds
- walkers speċjali tat-tfal.

Oġġetti għall-persuni b'diżabilità li fuqhom titħallas 18% VAT u li jista' jintalab kumpens finanzjarju għalihom mingħand il-Kummissjoni huma:
- apparat li jgħinek tiekol jew tilbes waħdek
- commodes
- għajnuniet għall-kamra tal-banju (shower chairs, grab rails)
- lifting armchairs
- prodotti dwar l-inkontinenza
- rampi
- sodod speċjali (variable height beds, hydraulic/motorised).

Oġġetti oħra li m'humiex imsemmija hawn imma li huma speċifikament għal persuni b'diżabilità, jiġu kkunsidrati għal dan il-kumpens wara li ssir talba speċifika lill-Kummissjoni li tkun tinkludi letteratura dettaljata dwar l-oġġett.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif
jistgħu jinkisbu mingħand
**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali, Istituto Vincenzo Bugeia,**
**Santa Venera**
**Tel:2148 7789**
**Fax: 2148 4609**
**Textel: 2144 6536**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**

## 2.2 Kompjuters u Aċċessorji

Il-Kummissjoni tagħti refund tal-VAT, sa massimu ta' €200, li jkun tħallas fuq kompjuters u aċċessorji. Biex persuna titlob dan ir-refund għandha tippreżenta l-irċevuta fiskali, li ma tkunx aktar antika minn xahrejn, lill-Kummissjoni.

Applikazzjonijiet u aktar informazzjoni
jistgħu jinkisbu mingħand
**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali, Istituto Vincenzo Bugeia,**
**Santa Venera**
**Tel: 2148 7789**
**Fax: 2148 4609**
**Textel: 2144 6536**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**



## 2.3 Negozji Żgħar u NGOs u Vat fuq Lifts

Dawk in-negozji żgħar u NGOs li jridu jistallaw lift fil-premises tagħhom biex ikun aċċessibbli għal kulħadd, jistgħu jitolbu lill-Ministeru tal-Finanzi biex ikollhom refund tal-VAT, basta dan il-lift ikun konformi mal-linji gwida tal-Kummissjoni.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali, Istituto Vincenzo Bugeia,**
**Santa Venera**
**Tel: 2148 7789**
**Fax: 2148 4609**
**Textel: 2144 6536**
**Emejl: helpdesk@knpd.org**
**Websajt: www.knpd.org**

# 3. Apparat Speċjalizzat għall-Użu tat-Telefon

### Il-Kumpanija GO

Il-Kumpanija GO għandha servizz bl-isem TAFDA li jipprovdi diversi għajnuniet sabiex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jużaw is-servizz tat-telefon. Dan l-apparat jinkludi:

- Sett tat-Telefon Amplifikat li jżid il-volum kemm ta' min qed jitkellem jew ta' dak li jkellmek. Jista' jintuża wkoll minn persuni li jużaw il-hearing aids biex jisimgħu aħjar lil min ikun qed ikellimhom fuq it-telefon. Dan is-sett fih ukoll indikatur li jixgħel kull darba li t-telefon idoqq.
- Amplifier li Jinġarr u li jitpoġġa fuq il-handset tat-telefon biex iqawwi l-volum tal-vuċi li tkun qed titkellem minn fuq it-telefon.
- Amplifier għall-Qanpiena (Tone Caller) li hu apparat li jkabbar il-ħoss tal-qanpiena tat-telefon.

- Bozza Tixgħel u Titfi (Silent Call Indicator) meta jdoqq it-telefon.
- Sett tat-Telefon b'Buttuni tan-Numri Kbar għal dawk li għandhom nuqqas fil-vista jew ma jistgħux iħaddmu idejhom sew.
- Textelefon li hu apparat biex persuni neqsin mis-smigħ u/jew ma jitkellmux jibagħtu u jirċievu l-messaġġi permezz tal-kitba flok permezz tal-kelma mitkellma. Abbonati tal-GO li għandhom it-textelefon huma intitolati għal rebate fuq pulses magħmula lokalment.

Il-GO għandha wkoll is-servizz tal-Carelink, li hu servizz ta' sigurtà li jaħdem permezz tat-telefon u fih varjetà ta' alarms li jitwaħħlu kważi mad-dar kollha, jaħdmu mingħajr wajers, u jikkomunikaw ma' apparat speċifiku li jitwaħħal mal-linja tat-telefon tal-klijent.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**Il-Fergħat tal-GO**
**Freephone 3007 2121**
**Websajt: www.go.com.mt**

## 4. Id-Diviżjoni tas-Saħħa

**4.1** Id-Diviżjoni tas-Saħħa tipprovdi b'self kull tip ta' walking aids (bħal siġġijiet tar-roti, krozzi u frames) wara li jitħallas depożitu li jingħata lura meta jkun irritornat l-oġġett misluf.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**L-Isptar Mater Dei**
**Taqsima tas-Self**
**Tel: 2545 4477**



**4.2** Id-Diviżjoni tas-Saħħa, permezz tat-Taqsima tal-Orthoses u Prosthesis tipprovdi dirgħajn jew riġlejn artifiċjali, braces ortepediċi, suletti (insoles) u affarijiet simili.

It-Taqsima tara persuni li għandhom bżonn dawn l-affarijiet meta jkunu riferuti lilha minn konsulent, imma fil-każ ta' suletti, ir-riferenza tista' ssir mit-tabib tal-familja.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**L-Isptar San Luqa**
**Taqsima tal-Ortesi u Prostesi**
**Is-Sular ta' Isfel tad-Dipartiment tal-Outpatients**
**Tel: 2595 1225, 2595 1753**

**4.3** Id-Diviżjoni tas-Saħħa, permezz tal-Audiology Unit fl-ENT Out Patients, tipprovdi hearing aids lil persuni taħt is-sittax-il sena u lil persuni ta' kull età li jikkwalifikaw skont il-mezzi tad-dħul, jiġifieri li jkollhom il-karta r-roża maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand
**L-Isptar Mater Dei**
**Id-Dipartiment tal-Out Patients - ENT**
**Tel: 2545 4580, 2545 4581, 2545 4589**

## 5. Community Chest Fund

Il-Community Chest Fund tikkonsidra talbiet biex il-fond jgħin finanzjarjament ħalli persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgħixu ħajja indipendenti.

Applikazzjonijiet u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mingħand
**Il-Palazz tal-President, Valletta**
**Tel: 2124 0568**

## 6. Il-Fondazzjoni Ħajja Indipendenti

Din il-Fondazzjoni:

- Għandha showroom biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jaraw, jippruvaw, u/jew jikru apparat ta' għajnuna personali għalihom.
- Għandha karozza addattata biex tipprovdi servizz ta' lezzjonijiet lil persuni b'diżabilità biex jitgħallmu jsuqu.
- Tipprovdi servizz ta' trasport lil persuni b'diżabilità li ma jistgħux jużaw it-trasport pubbliku. Dan is-servizz jingħata skont min jibbukkja l-ewwel.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Il-Fondazzjoni Ħajja Indipendenti**
**Wied ta' Ħal Balzan, Ħal Balzan**
**Tel: 2144 2638**
**Fax: 2144 2639**

## 7. Il-Muscular Dystrophy Group

Il-Muscular Dystrophy Group jagħti sussidju fix-xiri ta' apparat bħal vannijiet, siġġijiet tar-roti, eċċ lill-membri tagħha.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand

**Il-Muscular Dystrophy Group**
**4, Triq il-Gżira, Gżira**
**Tel: 2134 6688**
**Fax: 2131 8024**
**Emejl: mdg@mdgmalta.com, mdgmalta@onvol.net**
**Websajt: www.mdgmalta.com**



# 12

# L-Informatika

## 1. Il-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità fl-Informatika (FITA)

Din il-Fondazzjoni tipprovdi servizzi ta' konsulenza fit-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni lil persuni b'diżabilità, il-familji tagħhom, l-għalliema, min iħaddem, u dawk kollha interessati biex jgħinu lil persuni b'diżabilità jegħlbu jew ineħħu l-ostakli fil-ħajja, l-aktar dawk relatati mal-edukazzjoni u l-impjieg.

Is-servizzi pprovduti mill-FITA huma dawn:

### 1.1 Sapport Finanzjarju biex jinxtara Kompjuter jew Apparat Relatat

Il-Community Chest Fund (CCF), bil-kollaborazzjoni tal-FITA, tipprovdi sapport finanzjarju lil persuni b'diżabilità biex jixtru kompjuter jew prodotti relatati mat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni. Għal dan il-għan, il-FITA tipprovdi lill-CCF u lill-applikanti b'diżabilità b'sapport tekniku biex ikunu jistgħu jsiru rapporti u rakkomandazzjonijiet ħalli dawn il-persuni jkunu jistgħu jakkwistaw l-apparat li jkollhom bżonn. Applikanti li jkunu jridu aktar informazzjoni speċifika dwar l-applikazzjoni tagħhom għal għajnuna finanzjarja, għandhom jagħmlu kuntatt dirett mal-CCF fuq in-numri tat-telefon 2124 0568.

L-applikanti għal dan is-servizz iridu jimlew l-applikazzjoni uffiċjali tal-CCF li jġibuha mill-uffiċini tal-CCF, il-Palazz, Valletta. Wara li jimlewha, jagħmlu appuntament u jieħdu din l-applikazzjoni lill-FITA flimkien ma' dawn id-dokumenti:

- Kopja tal-Karta tal-Identità Speċjali maħruġa mill-Kummissjoni;
- Letteratura dwar l-apparat meħtieġ u kwotazzjoni tal-prezz tiegħu (l-apparat ma jridx ikun diġà nxtara);
- Dokumentazzjoni dwar id-dħul finanzjarju tal-applikant;
- Kampjun tax-xogħol li jkun sar mill-applikant fuq il-kompjuter jew l-apparat relatat (fejn applikabbli);
- Informazzjoni dwar l-apparat relatat li l-applikant ikun qed juża (fejn applikabbli);
- Il-FITA tagħmel ir-rapport tagħha wara li ssir laqgħa bejn uffiċjal tal-FITA u l-applikant, biex issir evalwazzjoni tal-abbiltajiet u l-bżonnijiet tal-applikant. Ir-rapport jintbagħat kemm lill-CCF kif ukoll lill-applikant.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-FITA jkunu bbażati fuq dawn il-kriterji:

- l-għarfien tal-applikant f'dan il-qasam, inkluż dak li l-applikant jista' jakkwista fil-futur mhux 'il bogħod;
- il-bżonnijiet komunikattivi tal-applikant, l-aktar fil-kuntest tal-benefiċċju edukattiv, anke dawk indiretti, li l-apparat jista' jagħti;
- kemm l-apparat jista' jkun ta' benefiċċju u li jista' jsir użu tajjeb tiegħu;
- ir-relevanza ta' tipi differenti ta' apparat jew possibiltajiet alternattivi għall-użu tal-apparat;
- il-benefiċċju kemm f'terminu qasir kif ukoll twil li jista' jinkiseb mill-applikant bl-użu ta' dan l-apparat;
- l-impatt soċjali u inklużiv fl-użu ta' dan l-apparat.



## 1.2 Kompjuters Użati

Il-FITA taf li mhux il-persuni b'diżabilità kollha li japplikaw biex ikollhom kompjuter jew apparat relatat, bilfors li jkollhom bżonn l-aħħar teknoloġija, l-aktar fil-bidu. Il-FITA taf ukoll li anke dawn il-persuni għandhom bżonn li jkollhom aċċess għall-użu tal-kompjuters u t-teknoloġija. Għalhekk, il-FITA laħqet ftehim mal-Community Chest Fund, il-Fond għar-Rijabilitazzjoni tal-Ħandikappati ta' Kordin u l-Korporazzjoni Microsoft, biex kompjuters second hand li jkunu rikondizzjonati jingħataw lill-FITA. Dawn imbagħad jingħataw b'self lil persuni b'diżabilità li jistgħu jagħmlu użu tajjeb minnhom. Il-FITA taċċetta mingħand kulħadd kompjuters second hand li għadhom tajbin biex jintużaw għal dan il-għan.

## 1.3 Servizz ta' Sapport

Il-FITA tipprovdi sapport tekniku fid-dar, fuq il-post tax-xogħol, jew fejn jeħtieġ dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat speċjalizzat tal-kompjuter jew tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni. Dan jinkludi s-softwer Window Eyes, ZoomText u Mobajl Speak. Dan is-servizz jingħata bla ħlas lil persuni b'diżabilità waqt li l-entitajiet li għandhom bżonn dan is-servizz, bħala parti mill-operat tagħhom, jintalbu jħallsu rati kummerċjali.

## 1.4 L-Awditjar għall-Aċċessibilità fl-Informatika

Il-FITA għandha l-kapaċitajiet u l-apparat meħtieġ biex tipprovdi servizz ta' awditjar u assessment kemm ta' websajts kif ukoll ta' softwer. Għalkemm il-FITA tista' tieħu hi stess l-inizjattiva li tassessja xi prodott jew servizz, min jipprovdi xi servizz jista' jitlob lill-FITA biex

ikollu dan l-awditjar. Ir-rapport li jsir mill-FITA għal dan il-għan ikun fih linji gwida u rakkomandazzjonijiet kif dan il-materjal jista' jsir aktar aċċessibbli.

Il-FITA tipprovdi wkoll assistenza biex min jipprovdi servizz f'dan il-qasam ikun konformi mal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Hu fatt magħruf li t-talbiet għal dan is-settur, biex ikun hemm ċarezza u użu aktar faċli mitlub minn persuni b'diżabilità, ta' spiss jispiċċa jkun ta' benefiċċju għall-membri kollha tas-soċjetà u jgħin biex ikun hemm servizz jew prodott aktar effiċjenti.

Il-FITA, meta tagħmel l-awditjar tal-websajts, titlob ħlasijiet biex tkopri l-ispejjeż involuti.

## 1.5 Servizzi Ssussidjati

Il-FITA għandha arranġamenti ma' numru ta' entitajiet li jipprovdu s-servizz tal-internet jew servizzi oħra teknoloġiċi biex dawn joffru kundizzjonijiet vantaġġużi lill-persuni b'diżabilità skont ċerti kriterji. Dawn jinkludu:

- **Cable Internet**
